# S A N

# GEJTANU TIENI

## Dremm fi sitt Episodji

T A'

C A R M E L O G A L E A

SALEŻJAN

## "SAN GEJTANU TIENE"

**Dramm fi sitt Episodji**

(Miktub minn Carmelo Galea Sależjan)

### Nies id-dramm:

| | | |
|---|---|---|
| ĠEJTANU TIENU għadu tifel ta' | snin | 7 |
| KONTESSA MARIJA ommu | " | 36 |
| ĠOVANNI BATTISTA ħu Gejtanu | " | 15. |
| BEATRICE nobbli Markiża | " | 20 |
| PAPA LEONE X | " | 68 |
| MARKIŻA DOĠE ta' Venezja | " | 60 |
| PATRI CARAFFA imbagħad Kardinal | " | 36 |
| PATRI BUONIFAĊJU | " | 34 |
| FRA WISTIN ajk | " | 30 |
| SAN MIKIEL ARKANĠLU | " | |
| LUĊIFERU | | |
| ĠESU' KRISTU | | |
| IL-MADONNA BIL-BAMBIN | | |
| MARJU kamrier tal-Papa. | " | 50 |
| INĠINIER TAL-PAPA | " | 55 |
| BARTOLOMEW maġġordom ta' Gejtanu | " | 54 |
| FRANĠISKU tifel fqir | " | 12 |
| Xi reliġjużi oħra li ma jitkellmux. | | |

Id-dramm jiżvolġi ruħu fl-Italja epoka mill-1480 sal-1546. Kostumi ta' dak iż-żmien. Mill-Ewwel Episodju għat-tieni jgħaddu 12-il sena, mit-tieni għat-tielet 14 u mit-tielet għal final tad-dramm inqisu li jgħaddu xi 33 sena oħra.

L-EWWEL EPISODJU

"L-INFANZIA"

JIEĦDU SEHEM:

SAN MIKIEL ARKANĠLU, LUĊIFERU, GEJTANU,
KONTESSA MARIJA, ĠOVANNI, BARTOLOMEO U FRANĠISKU

X E N A:

Villa fil-palazz tal-Familja Tiene fil-belt ta' Vicenza, fil-villa hemm siġar għoljin, xi statwi ta' rħam li jidhru fil-bogħod, u xi bankijiet tal-ħadid fejn wieħed jista' joqgħod bil-qiegħda.
Ma' nżul ix-xemx f'jum sabiħ ta' Mejju l-villa tkun imfawra bil-ward li jgħaxqek bil-fwieħa.
Ix-xena hija mdawla b'dawl roża.

Qabel ma tinfetaħ il-purtiera tinstama' biċċa mużika traġika (aktarx rivoluzzjonarja) Fi tmiem il-mużika tinfetaħ il-purtiera. Il-palk ikun vojt, kollox ilellex bil-fjuri u bil-ħdura li milqutin bir-raġġi ta' nżul ix-xemx ikunu donnhom indurati bid-deheb. Issa nisimgħu għana ta' għasafar li qegħdin jinġabru biex jorqdu fuq is-siġar.

X E N A 1

LUĊIFERU mbagħad SAN MIKIEL.

LUĊIFERU (Minn qalb lehba ta' nar kbira jaqbeż f'nofs il-palk bħal saljetta u jfaqqa' daħka ta' għira u ta' mibegħda kbira).
Ħa! ħa! ħaj!! (Jagħti daqqa fuq sidru u baqqa' ohra iddawwal il-libsa ħamra li għandu fuqu.) :
Ngħid mill-ewwel lid-dinja kollha min jien Li jiena huwa Luċiferu!!! (tinstema' bħal taħeżżiża ta' terremot) Hekk hu l-programm tiegħi: Il-GWERRA!
Gwerra fl-Eden fejn ħarejt il-mewt, bid-dnub tan-nisel ta' l-ewlenin ġenituri, gwerra bejn Cain u Abel li tebbgħu l-art safja b'demmhom, gwerra bejn is-Slaten li sal-lum għadhom qegħdin isinnu x-xwabel għall-qerda ta' ħuthom ..... Issa din id-darba mhix sejra tkun biss gwerra tad-demm, imma ta' qerda kbira ta' l-erwieħ! Martin Luteru sejjer ikun l-arma tiegħi biex jeħodha kontra Gejtanu Tieni.

(pawsa): Arkanglu Mikiel, inti ppruvajt tgħaddini iżda l-ħażen tiegħi laħaq qabel il-gwienaħ bojod tiegħek ... (jitfa' l-pala ta' idu fuq ġbinu jħares bħal min qiegħed jilmaħ lil xi ħadd fil-bogħod) Hekk hu l-qabda tiegħi .... Għajnejja jaraw minn tarf sa tarf tad-dinja u jiena fis-Sassonja, Germanija qiegħed nilmaħ daqsxejn ta' tfajjel ta' 4 snin jismu Martin Luteru, f'idu għandu fjur abjad, qiegħed iqattgħu ... sahqu taht riġlejh ... Dak il-fjur huwa r-ruħ tiegħu li biż-żmien għad trid timpesta lid-dinja bl-ereżija! u l-infern jimtela b'eluf ta' erwieħ indannati!! (jidħak)
(jħares band'oħra) Mill-banda l-oħra qed nilmaħ lit-tfajjel Gejtanu ta' 7 snin mixħut jilgħab fuq tapit tal-fjuri u bħal anglu jbus il-bjuda tal-ġilju.... Iżda dawk is-xoftejn tiegħek ma jdumux innoċenti għax bħalma għad ingerref lil Luteru għad inwaqqa' fix-xibka tiegħi lilek ukoll. (jidħak)

X E N A 2

SAN MIKIEL u LUCIFERU

MIKIEL: (jidħol liebes ta' gwerrier bil-gwienaħ bojod kollhom dija u bix-xabla tan-nar fi ħdejnu)
Lil dak le ma ġġerrfu qatt! Ir-ruħ anġelika ta' Gejtanu tinsab għall-kenn tal-gwienaħ tiegħi, -- San Mikiel Arkanglu, jiena ħadt il-missjoni mingħand l-Ogħla li nindukrah minn fuq ommu, sakemm inwasslu fuq dak it-tron li minn fuqu waqajt int Luciferu.

LUCIFERU: Għandek raġun ... Dik il-kelma tiegħek sada għadha tgergar f'widnejja ... "Micolle" u inti bil-ponta tas-sejf tiegħek ferejtni u rbaht is-suppervja tiegħi u Alla ħaleq għalija l-infern! (pawsa twila).
Iżda dak in-nar li jikwi l-ispirtu nfernali tiegħi bih għad irrid naħraq il-knisja ta' Kristu u miljuni ta' erwieħ nagħmilhom irmied .... Mikiel inti daqsi għandek is-setgħa li tara truf il-globu tad-dinja ... ħares hemm fis-Sassonja, dak it-tifel li qiegħed tara jilgħab f'dak it-tajn maqgħud għad irid jidfen il-Vangelu ta' Kristu b'duttrina ġdida ...

MIKIEL: Naf jiena ili tant ma' ġenb il-bennienа tiegħu tgħannielu l-għanja tat-tradiment biex min-nisel ta' ommu mara ħażina tagħmel mostru nfernali, iżda l-Provvidenza Divina ħasbet qabel; u għalhekk tliet snin qabel it-twelid ta' Luteru Alla poġġa għad-dawl tax-xemx Gilju purissimu biex joqtol il-ħażen ta' Luteru. Huwa min-nisel ta' mara nobbli u qaddisa twieled Gejtanu Tieni, u kif jiena kont irbaht lilek hekk ukoll Gejtanu b'dik it-torċa tal-fidi, tas-safa u ta' l-imħabba għad irid jirbaħ l-ereżija ta' Luteru!

LUCIFERU: Inti tgħid li Gejtanu għad jirbaħ? ... Inti x'taħseb li int ħdejn il-qawwa li għandhom l-ispirti nfernali?! Jiena mhux biss kelli l-ħila nobrom qalb il-ħalel tal-qerq lis-slaten, u ministri, iżda wkoll saċerdoti bħalma bremt lil Guda.

MIKIEL: Jiena m'iniex ħlief umli ħlejqa mibgħuta minn Alla biex nindokra l-passi ta' Gejtanu, iżda dak Alla li bis-suppervja tiegħek ħsibt li sejjer tqaqgħu minn fuq it-tron Tiegħu biex teħodlu postu, minn dak id-daqsxejn ta' tifel illi inti qiegħed tara jilgħab

qalb il-fjuri sejjer jagħmel arka tad-deheb biex tkun il-fidwa ta' l-umanita' u r-rebħa tal-knisja.

LUĊIFERU: Tajjeb ... Mela inti Mikiel Arkanġlu mexxi l-passi ta' Gejtanu u jiena Luċiferu mmexxi l-passi ta' Luteru. Il-gwerra sejra tibda u sejra tkun qalila; (jagħmlu minn fuq il-palk bħal sajjetta.)

MIKIEL: (li baqa' waħdu): Alla tiegħi, ipproteġi l-knisja Mqaddsa Tiegħek, nissel u kattar fil-qalb ta' Gejtanu l-qdusija biex permezz ta' dan il-qaddej Tiegħek Saltnatek tirbaħ fuq l-infern u kulħadd jagħraf Lilek bħala Sultan tiegħu.

(joħroġ ħelu ħelu)

X E N A 3

GEJTANU waħdu mbagħad BARTOLOMEW

GEJTANU: (jidħol tifel ta' 7 snin ta' ħlewwa anġelika, xagħru isfar, għajnejh ċelesti u ta' manjieri li jiġbdulek qalbek ... F'idejh għandu mazz fjuri) : Nittama illi l-Madonna taċċetta l-fwieħa ta' dawn il-ftit fjuri ... Milli nara l-Madonna tħobbhom ħafna l-fjuri, għaliex meta mpoġġilha l-fjuri quddiemha donni naraha titbissimli, ukoll il-Bambin. Jiena nħobbha ħafna lil Madonna! Il-lum ma' dawn il-fjuri rrid impoġġilha fjur iehor ... Noffrilha lil qalbi, għajnejja u kulma fija ... (ipoġġi l-fjuri fuq il-bank).

BARTOLOMEW: (raġel ta' 55 sena/simpatiċissmu, jidħol bil-kolazzjon ta' Gejtanu.) : Bravu l-Kontinu! Hija ħaġa ferm sabiħa li ma' dak dawk il-fjuri toffrilha qalbek ukoll lil Madonna, iżda l-Kontessa l-mama' tiegħek trid illi ma( l-imħabba li għandek għal Madonna tgħin ukoll ftit ruħek ... Insomma tiekol xi ħaġa sustanzjuża .... Ara, il-Mama' bagħtitlek iċ-ċena hawn fil-villa, il-fwieħa ta' dawn il-fjuri u l-ġmiel ta' dawn is-siġar, jiftħulek l-aptit u inti dak li għandek bżonn arja friska ... (ipoġġi l-ikel fuq il-bank).

GEJTANU: Taqsew pjaċir toqgħod tiekol qalb dawn il-fjuri fil-waqt illi x-xemx nieżla troxx dik il-ħmura tagħha ...

BARTOLOMEW: Għandha raġun tgħid il-Mama' tiegħek illi inti twelidt poeta .... Mgħandnix xi ngħidu, il-maħbuba belt tagħna Viċenza ma' nżul ix-xemx tidher akter sabiħa. Din l-art li rat it-twelid tiegħek ukoll il-frustieri jgħidu ki donnha Ġenna ta' l-art. Imma marridx ninsa x'qaltli l-mama' tiegħek: kontinu, nitolbok li ma tagħmilx bħas-soltu u tħallih l-ikel kollu jiksaħlek ... u akter imbagħad meta minn flok ma tieklu inti ttih lil ħaddieħor ... fhimtni hux?...

GEJTANU: Xhin taħseb illi fil-palazz tagħna jinsab dak il-ġid kollu, lussu, ikel u xorb imbagħad hawn min m'għandux għaxja ta' lejla.

BARTOLOMEW: Hemm ahna ... Dejjem l-istess kanzonetta u intant il-Mama' ġejja u sejra għat-tabib minħabba d-debbolizza illi waqajt fiha ... Ara Kontinu, jiena bħala maġġordom inħossa ir-responsabbilta' kollha

tat-trobbija tiegħek ... u għalhekk sejjer ngħid lil Mama' biex tigi hija u ggagħlek tiekol taħt ubbidjenza ...

(jitlaq minn fejn daħal).

GEJTANU: (jmur joqgħod bil-qiegħda fuq il-bank tal-ħadid iħares lejn dak l-ikel. Johroġ ħbejjes ikejkne bajda mill-bixkilla u jħares lejhom):
Kemm ifuħ dan il-ħobż ... Donnu magħmul bil-ħelu u l-għasel ... Kemm nixtieq li hawn dak it-tifel fqajjar ... Dak Frangisku miskin qatt ma jduq xejn. Oh! Qalbi ħebritni. Frangisku gej 'l hawn ... Isma' Frangisku ...

XENA 4
FRANGISKU u GEJTANU

FRANGISKU: (tifel ta' 8 snin, għandu wiċċu musfar u liebes ħażin, jidħol mistħi mistħi) :
Aħfirli Sinjorinu ...

GEJTANU: Naħfirlek? ... Mela inti għamiltli xi ħaġa? Ejja ejja Frangisku... ersaq ... hawn ma' ġenbi ... minfejn dħalt?

FRANGISKU: Daħħalni l-gardiner ... (imbeżża')

GEJTANU: Imma għaliex qiegħed tibża'? Jiena u inti mhux it-tnejn xorta wahda?... Anzi ma gejt fil-waqt ... Il-bierah ukoll ħallejtni nistennik....

FRANGISKU: Il-bierah Sinjorinu!... (jinfexx jibki)

GEJTANU: Xi grralek?! Għidli kollox ...

FRANGISKU: Missieri! (jibki)

GEJTANU: Imma gralu xi ħaġa?!

FRANGISKU: Sejjaħli u qalli "Ibni llum m'għandix x'nagħtik xejn x'nagħtik tiekol! (jibki) imbagħad beda jibki u ntelaq bħal mejjet fuq is-siġġu. Mort nigri ngħajjat l-għajjut u wieħed mill-girien gieblu ftit minestra u ftit ħalib.

GEJTANU: Issa kif inhu?

FRANGISKU: Dalgħodu sebaħ mhux ħażin ... Imma miskin missieri ma jiflaħx jaħdem, għax min ma jiekolx ma jkunx jiflaħ għax-xogħol.

GEJTANU: Tibża' xejn Frangisku. Ara, issa lil missierek hudlu dan (itih il-qoffa b'kollox) u mil-lum 'l quddiem ħallini narak kuljum, tibżax, missierek ma jbatix aktar bil-guħ.

FRANGISKU: (imfaħħar mill-gentilezza ta' Gejtanu):
Niżżik ħajr sinjorinu. Mhux ta' xejn illi l-belt ta' Vicenza bi ħgara titkellem fuqek. Kulħadd imsaħħar mill-għemil tiegħek. (jieħu l-ikel)

GEJTANU: X'jistgħu jgħidu fuqi? Daqsxejn ta' tifel ta' 7 snin li anqas għadni għamilt l-Ewwel Tqarbina?...

FRANGISKU: Oh! Kemm igħidu Sinjorinu!... Igħidu li taf titkellem daqs raġel ... ukoll l-Arċipriet

minn fuq il-pupltu semmiek ... u kemm fehhrek ...

GEJTANU:( L-Arcipriet semmo lili minn fuq il-pupltu?!

FRANGISKU: Iva Sinjorinu, qal "Ifirhu, ghaliex l-ghin tal-Provvidenza beghatilna fil-belt taghna Gahra ta' tfajjel, Gejtanu Tieni li minn ckunitu ga mimli bil-gherf u minnu l-knisja ghad tistenna xi haga kbira."

GEJTANU: Basta, basta Frangisku, Mur u ikloh ghalija u sellili hafna ghal missierek.

FRANGISKU: Iva Sinjorinu. Grazzi mill-karita' kbira tieghek, li wkoll minn dan qeghdin jitkellmu hafna fuqek ...

GEJTANU: Tinsiex x'ghidtlek, ejja kuljum ...

FRANGISKU: Iva, nigi, Sinjorinu. Halli mmur nigri hdejn missieri! Kemm sejjer jiehu pjacir! (jitlaq ferhan bil-qoffa ta' l-ikel f'idu).

GEJTANU (wara li bil-herqa tieghu kkumpanja lil Frangisku jinzel gharkubbtejh.) :
O Mulej Alla tieghi, ikun qatt veru illi dan iz-zghejjer Gejtanu ghad ikun l-appostlu biex bil-Vangelu Mqaddes jigglorifika l-knisja Tieghek?! Spirtu Santu, ingel fir-ruh tieghi, qaddisni u tohrog izjed hlief meta ningel gewwa l-qabar, kabbarni taht il-gwienah divini tieghek. La thalli qatt illi d-demonju jisraqli s-safa ta' ruhi! ... U inti Madonna kun l-omm tieghi, sakemm hdejk ir-ruh tieghi tittajjar fuq dawk il-kwiekeb li hemm ileqqu fis-sema, Int ukoll San Mikiel Arkanglu, mexxi l-passi tieghi biex kull nifs li niehu, biex kull tahbita ta' qalbi jkun innu ta' tifhir u glorja 'l Alla!
(fuq il-palk tidher dija kbira)
Imma issa x'jiena nara?! (iqum mistghageb.)
Hemiema bajda tittajjar minn fuq fjur ghall-iehor...
Hemiema bajda li qatt ma rajt bhalha!....
(jibqa qieghed mistghageb)
Qieghda tirgha qalb il-gilji... Minn gwejnhajha hergin raggi isbah minn dawk tax-xemx!.... Irrid naraha aktar mill-vicin... (johrog mix-xena)

## X E N A 5

Il-KONTESSA MARIJA u l-KONTINU GOVANNI

MARIJA (mara ta' 36 sena ta' l-akbar gmiel u eleganza liebsa l-bellus iswed ta' l-akbar lussu b'dublett twil ikaxkar ma' l-art. Maghha GOVANNI zaghzugh ta' 15-il sena eleganti , nobbli u fuq ruhu) :
Fejn mar iz-zghejjer Gejtanu tieghi?...

GOVANNI: Mama', ma jidhirlekx illi zzejjed dan li qieghda taghmel ma' hija Gejtanu ... Dan li taghmel tibghatlu l-ikel hawn fil-villa mhux kollu m tmellis fieragh.... ghaliex ma jigix jiekol maghna fuq il-mejda?...

MARIJA: Ibni Govanni, kif inti tara, jiena ghadni liebsa ilbies tal-luttu ghall-mewt tal-Konti missierek, u dan kien l-akbar xlied tieghu fuq is-sodda tal-mewt "Ghaziza marti nirrikmandalek

lil dak it-tagħor tas-sakejken tagħna Gejtanu, hu l-aqwa kura tiegħu, ikkuntentah f'kollox għaliex Alla minn dak it-tifel irid xi ħaġa kbira!..."

GOVANNI: Xi ħaġa kbira ... naf li qiegħed iberbaq ħafna flus fil-karita' ... u jiena jidhirli li tifel ta' 7 snin m'għandux ikollu din il-padronanza kollha fuq il-ġid tal-kontea tagħna ...

MARIJA: Imma ibni, Govanni, għidli ħaġa inti tgħir għal ħuk Gejtanu?

GOVANNI: Jiena ma ngħirx għalih xejn. Int taf Mama' li wara l-mewt tal-papa' jien hu l-werriet tal-kontea ... Għad għandi 15-il sena, iżda mata nagħlaq it-tmintax ma beħsibnix inħallih jagħmel li jrid hu ...

MARIJA: Għandek 15-il sena u għadek ma fhimtx illi ħuk mhux tifel komuni bħal tfal oħra ...

GOVANNI: Naf, iva. Ħija Gejtanu ta' 7 snin ġa għandu d-don u l-għaqal ta' wieħed kbir bissejjed tisimgħu jitkellem ... għalhekk aktar għandu jifhem illi l-kontea mxarba bil-għaraq ta' l-antenati tagħna m'għandhiex tisfa' fix-xejn ...

MARIJA: Ibni, inti qiegħed tgħaġġibha ssejjed ... Il-kontea tagħna hekk għanja mhix sejra tiġi fix-xejn bil-ftit karita' li jagħmel ħuk Gejtanu ... aktar tiġi fix-xejn bix-xalar u l-kapriċċi tiegħek.

GOVANNI: Tajjeb mama', mela aokta fissdu lil Gejtanu imbagħad tara xi frott jista' jagħtik 'il quddiem ... (ikun sejjer)

MARIJA Govanni, ieqaf ftit hawn miegħi, nitolbok. Poġġi ftit hawn ma' ġenbi. (Govanni joqgħod bilqiegħda fuq il-bank ma' ġenb ommu) L-ewwel darba li sejra nkellmek fuq dan l-argument: Inti għadek ma tistax tifhem għaliex jiena ngħożż b'ħmabba tal-ġenn lil ħuk Gejtanu; kun af li meta wasal il-mument li ħuk kellu jara d-dawl tax-xemx lili deherli żagħżugħ mhux magħruf u qalli; "Sinjura, ħalli t-tlellix ta' dan il-palazz u inżel fl-istalla fejn għandek iż-żwiemel għax inti għandek tagħti lid-dinja tifel illi minn ġuf ommu ta' ġuħ il-qodos għandu jkun xebħ ta' Gesu' Kristu." U hekk hu illi ħuk Gejtanu twieled fil-faqar bħal Bambin fil-għar ta' Betlem. Allura jiena erfajtu fuq dirgħajja u kkonsagrajtu lil Madonna. Filwaqt nisma' leħen mis-sema jgħidli "Omm verament ixxurtjata, Alla tak iben biex ikun ir-riformatur tal-knisja ta' Gesu' Kristu, biex jikkumbatti l-għedewwa tal-knisja u jifdi ħafna erwieħ mill-ereżija." Tifhem issa min hu ħuk Gejtanu?

GOVANNI: Jiena l-futur għadni ma rajtux u k nemmen f'dak biss illi nara b'għajnejja u ħallini ngħidlek ċar mama' illi beħsiebni nfittex l-interessi tiegħi.

MARIJA: X'dgħebien jifreq il-bruda tiegħek mal-ġdusija ta' ħuk Gejtanu!... Forsi ma kienx il-Papa' tiegħek ukoll illi bħala l-aqwa kavalier xerred demmu għal kawża tal-knisja ...

GOVANNI: U jiena bħsieni nxerred demmi biex gurnata jkolli familja l-aktar għanja f'din il-belt ta' Vicenza.

MARIJA: Iżda ara x'sejra ngħidlek: li jekk inti ma jkollokx il-barka t'Alla, int tangas ikollok sodda xabba fuqjiex torqod; u lil ħuk Gejtanu ħallini nmexxieh jiena, li għandi aktar dritt minnek fuq il-kontea ...

GOVANNI: Ma nindaħallekx (jitlaq b'supperviħ)

MARIJA: (taqqħet waħeda skonformata): Liema differenza, Gejtanu donnu anglu u Govanni mgħarrar fis-suppervja...

X E N A 6.

BARTOLOMEO u MARIJA

BARTOLOMEO (jidħol imgħaġġel u mistagħġeb): Kontessa!, Int indunajt li xi ħġa?

Marija; Bartolomeo, x'ikun dan il-ferħ tiegħek?

BARTOLOMEO: Ħares hemm, ara Sinjura! Il-Kontinu Gejtanu! Kont qiegħed inħares mil-loġġa għal gol-villa u nilmaħ lil-ħ-ejken iħares lejn is-sema f'daqqa waħda ħamiema bajda niżlet poġġiet fuq idu! Ħares hemm għadha tittajjar madwaru...

MARIJA (tmur tittawwal): Bartolomeo! Dan huwa prodiġju! Il-ħamiema poġġiet fommha ma' widnejh Gejtanu! (jinstema' leħen gravi minn ġewwa)

LEĦEN: "Il-paċi tkun għal dejjem miegħek Gejtanu, oqgħod attent li din il-paċi ma titlifha qatt. Jien Huwa l-Ispirtu t'Alla."

MARIJA Bartolomeo, nitolbok li taqħleq fommok għal dak li rajt u smajt il-lejla!

BARTOLOMEO: Tkun obduta Kontessa ... Sigrieti tas-sema.

MARIJA: Gejtanu riesaq 'il hawn.

L-AĦĦAR XENA.

GEJTANU u ta' qabel

GEJTANU (jidħol ferħan donnu għandu l-ġenna ġenna f'qalbu)

Mama'! Mama'! (jiftaħ idejh u jmur dieri fi ħdan ommu).

MARIJA (tressaq ma' qalbha lil Gejtanu): Iben l-għożża (tbewsu il-bewsa)

MARIJA: Ghidli, ibni, x'kienet dik il-hemiema?

GEJTANU: Kellimitni mama', ewguratli l-paci ta' dejjem u qaltli li Alla ma jinfired qatt minni.

MARIJA: Glorja ohra ghal din il-helu taghna:

GEJTANU: <u>(Ipoggi xuftejh ma' widnejn ommu izda ighajjat):</u> Mama' dik il-hemiema bejda kienet l-Ispirtu Santu!

<u>(Marija taghnaq aktar bi hrara lil Gejtanu. Bartolomew dejjem mistghageb.)</u>

<u>KWADRU</u>

<u>(Helu helu taghlaq il-purtiera)</u>

<u>T M I E M</u>

<u>TA' L-EWWEL EPISODJU</u>

IT-TIENI EPISODJU

"IŻ-ŻAGĦŻUGĦ"

JIEĦDU SEHEM:

ĠEJTANU, MARIJA, ĠOVANNI, BEATRICE BARTOLOMEO u LUCIFERU TAĦT DEHRA TA' PELLEGRIN

X E N A

Villa oħra fil-belt ta' Venezja b'xi tibdil żgħir minn dak ta' qabel mill-ewwel episodju għat-tieni jgħaddu 12-il sena; f'għodwa sabiħa ta' April. Il-villa ġa bdiet tlellex bil-fjuri. Dawl tax-xemx.

Meta tinfetaħ il-purtiera ĠOVANNI jidher bilqiegħda fuq bank tal-ħadid ma' ġenb BEATRICE. Issa ĠOVANNI għandu 27 sena liebes lussuż u l-MARKIŻA BEATRICE għarusa tiegħu liebsa lussuża aktar minnu. Ma' ġenbhom hemm tavolin u fuqu BARTOLOMEO qiegħed iservihom xi ħelu u xi xorb

X E N A 1

ĠOVANNI, BEATRICE u BARTOLOMEO

ĠOVANNI: Bartolomeo!

BARTOLOMEO: Immanda Sur Konti! (ibaxxi rasu)

ĠOVANNI: Togħġbok Venezja?

BARTOLOMEO: Ħafna Eċċellenza! Minn mindu ħallejna l-belt ta' Vicenza u ġejna hawn fis-sabiħa belt ta' Venezja nħossni twelidt mill-ġdid ... imbagħad filgħaxija b'dawk il-gondli mżejnin bil-fanali jirriflettu fuq il-baħar fiha tassew viżjoni illi sseħħrek .

ĠOVANNI: Bartolomeo, morridx ninsa: l-inviti bgħattom kollha?

BARTOLOMEO: Kollha Eċċellenza, ukoll dak tad-Doge u l-patrijarka ta' San Mark.

ĠOVANNI: Ara li sa nhar il-ħadd dan il-palazz irid ikun imżejjen bħal ġenna ċkejkna. Nixtieq illi dan it-tieġ tagħna jibqa' miktub fil-ktieb tad-deheb ta' l-istorja ta' Venezja.

BARTOLOMEO: Ikun Eċċellenza. Ukoll il-Mama' tiegħek trid illi jkollok tieġ bħal dak ta' wlied is-sultan... kollox bl-abbundanza ...

ĠOVANNI: Il-mama' hija tajba, iżda huwa ħija Ġejtanu, dak li qiegħed jinkwetani ... Ma jridx jidher fil-jum tat-tieġ tiegħi ... Il-mama' ordnatlu libsa tal-bellus għat-tieġ tagħna, u huwa anqas indenja ruħu jħares lejha. Imma jnewħiha minn rasu li fil-jum tat-tieġ tiegħi jidher quddiem il-mistednin f'dan il-palazz tagħna b'dawk il-ħwejjeġ li għandu fuqu.

BARTOLOMEO: Inti me tafx, Eċċellenza... Il-Kontinu ħuk dejjem ħareb it-tleilix tad-dinja ... Il-ħolma tiegħu dejjem kienet illi jmur jingħaleq f'kunvent.

GOVANNI: Skrupli.... superstizzjonijiet ... (jixrob) ħejja ta' malenkonija.

BEATRICE (wara ftit li kielet xi ħelu): Govanni jiena lil ħuk dejjem naraħ ferħan ... Iżda dik illi kull meta jiltaqa' miegħu jdawwar wiċċu band'oħra u jbaxxi għajnejh lejn l-art xejn ma togħġobni. Dan għaliex jaħrabni? Jgħidu li ħuk għandu għajnejh donnhom ġewġ rubini u jien ma nafx kemm inħallas u nara darba biss il-ġmiel ta' għajnejh...

GOVANNI: (offiż) Markiża! Ma jidhirlekx illi qiegħda toffendini?! Inti sejra tiżżewweġ lili jew lil ħija Gejtanu?

BEATRICE: Bartolomeo, ħajar issodd widnejk għax nibża' illi sejjer tiskandalizza ruħek ... Daqskemm jieħu festidju mix-xejn l-għarus tiegħi ...

GOVANNI: Mix-xejn għidtli?! (iħalli t-tazza fuq il-mejda)

BEATRICE: Din x'fiha billi nħobb lil ħuk Gejtanu, dak mhux xi bniedem barrani ...

GOVANNI: Għid aħjar illi intom in-nisa ma tqisux kliemkom... Għandi ragun Bartolomeo?

BARTOLOMEO: Eċċellenza jiena nagħżel illi nħallikom fil-liberta' (joħroġ)

GOVANNI (bis-serja): Beatrice din mhix l-ewwel darba illi inti esprimejt ruħek u bi kliem l-aktar melliesi tfaħħar lil ħija Gejtanu. Din jeħtieġ li nispjegawha

BEATRICE: Iva, ma neħbilekx illi t-tjubija tiegħu, il-ħlewwa ta' ġemilu u dik l-elikwenza ta' kliemu jġegħluni nħobbu! Inħobbu bħal min jitgħaxxaq b'giljuu safi tal-widien!

GOVANNI: Dan ma tax kontx nafu... allura jiena min jien għalik?

BEATRICE: Inti huwa dejjem il-maħbub għarus tiegħi Govanni. Iżda dan ma jimpedix illi jiena nista' nħobb santament lil ħuk. Iva, nħobbu għax naraħ umli, għax naraħ tajjeb.

GOVANNI: Beatrice, inti rajt f'qalbi tempesta li ma nafx min irid iwaqqafha!... Ftakar illi Venezja kollha hija mistennija għat-tieġ tagħna u nhar il-ħadd fil-knisja ta' San Mark quddiem il-Patrijarka ta' Venezja, irridu ngħidu s-Sinjor si biex inkunu ta' xulxin ...

BEATRICE: Nittamaw fis-sema, għad fadal żmien...

GOVANNI: Kif?! Hekk għandek tweġibni?!... Beatrice, inħossok dellemtli lmenti tiegħi bi ħsebs sewda! ... (inkwiet) Imma għidli l-verita' Ikun qatt veru illi inti ħadt grezzje ma' ħija Gejtanu?!

BEATRICE: Are, ippermettili mmur ngħid kelma lil mam' tiegħek, hija aktar tifhimni. (toħroġ mix-xellug.)

GOVANNI (li baqa' waħdu bħal raġel mgħaġġel) : Jekk qatt beħsiebha tibdilni ma' ħija, dan ġgur ma noqgħodx għalih. Infern sħiħ inqajjem ġewwa dan il-palazz. Jiena lil Beatrice ħabbejtha b'imħabba tal-ġenn u beħsibni nitqatel għaliha!... Ukoll jekk ikun jinħtieġ id-dwell! (jitlaq inkwiet)

X E N A 2

LUCIFERU waħdu

LUCIFERU: (jidħol mgħotti b'mantell tal-ħarir waqt jgħarrex madwaru. ) : Il-gwerra bdiet u sejra tiegħu xejra li tkexkex! Martin Luteru issa daħal fl-uġu tar-raġuni u jiena Luċiferu webbiltu biex jidħol Patri Agostinjan. Fl-istudju tiegħu qiegħed igħaqqeb lil Germanja kollha u għad ikun arka ta' xjenza.... Iżda jiena ġa ħadt it-tarriegħa ħażina ġewwa qalbu biex meta jikber u fuq l-artal jitla' huwa jittradixxi l-Vokazzjoni tiegħu u b'għerf li jiena ġejjintu, nixħtu f'baħar ta' ereżija biex ikun l-akbar għadu tal-Knisja. Mill-banda l-oħra ġewwa dan il-palazz tinsab ruħ anġelika aktar intelliġenti minn Luteru u għandha l-għajnuna tas-sema. Gejtanu Tieni għandu d-doni kollha ta' l-Ispirtu Santu ... jiena naf hi twila ... meta xi ruħ inddennata tiġi fid-dinja biex tippersegwita lill-Knisja ta' Kristu Alla jibgħat l-anġlu tiegħu taħt sura ta' bnedmin biex jikkumbattuh ... Gejtanu huwa wieħed minn dawk l-anġli ta' l-art ... Iżda jiena beħsiebni noqred dan il-Fjur sebiħ qabel ma jagħti l-frott tiegħu ... Irrid inqabbat lil min jaqtlu ... Ruh Genni ġej 'il hawn ... Bit-tnassis u bil-qideb tiegħi sejjer nidfen taħt it-trab lil Gejtanu.

X E N A 3

LUCIFERU u GOVANNI

GOVANNI: (jidħol ħosbien bla ma jinduna b'Luċiferu):

LUCIFERU (imur fuq GOVANNI bħala mqastur): Aħfirli Sinjur (melliesi)

GOVANNI: Ma kontx indunajt bik ... Int min int? Qiegħed tfittex lil xi ħadd?

LUCIFERU: Mhux int il-Konti Govanni Battista Tieni?

GOVANNI: Jien hu, fiex għandi naqdik?

LUCIFERU: Inti lili ma tafnix, iżda jiena naf lil familja

tieghek kollha u lilek u lil ħuk Gejtanu rajtkom titwieldu.

GOVANNI: Għandi pjaċir. Allura gejt tfittex lili?

LUCIFERU: Iva. Dmir kbir gabni għandek ... Il-bieraħ filgħaxija, fil-palazz tad-Doge kien hemm festi kbar u l-kbarat ta' Venezja kienu kollha libsin ilbies tal-ballu ... Dak lussu....

GOVANNI: Den kont nafu... għidli dak li ma nafx.

LUCIFERU: Ħallini nkomplilek; jiena li minn dejjem kont kurjuż, dħalt ukoll fil-palazz tar-Repubblika u lil min ni1maħ quddiemi! ... Lil ħuk Gejtanu taħt libsa l-aktar lussuża qiegħed jiżfen ma' tfajla nobbli, rasha ngirlandata bil-ward roża.

GOVANNI: Ħ ... ? Ma ħadtx xi żball hux sinjur ?....

LUCIFERU: Jiena nieħu żball?... u kemm għamlu kummenti fuqu ... kien hemm min qal: "Hekku l-qaddis Tieni bin-nhar jagħmilha ta' qaddis u bil-lejl jiddiskla." U kummenti għamlu bil-bosta ...

GOVANNI: Imma kif qatt jista' jkun dan?!

LUCIFERU: U trid taf min kienet dik it-tfajla? Kienet il-markiża Beatrice l-għarusa tiegħek (jidħak b'ikonkrezija).

GOVANNI: L-għarusa tiegħi?!

LUCIFRRU (B'ħażen ta' l-infern): Preċiżament Eċċellenza, l-għarusa tiegħek.

GOVANNI: <u>(jaqbad mill-mantell lil LUCIFERU u jħabbdu)</u>: Int min int, tkun bniedem jew demonju, gej mill-infern jew waqajt minn gos-sema, għidli li m'intix qiegħed tigdeb?!

LUCIFERU: Jiena nigdeb... jiena monument ħaj tal- ta' kull ma huwa sewwa.... Nħliflek fuq l-infern li ħuk iħobb lil Beatrice. <u>(jarsaq b'malizja lejn GOVANNI u kważi jgħidlu f'widnejh ... ')</u> Ħuk Gejtanu, irid jisraq l-innoċenza tal-għarusa tiegħek ... Huwa qed jagħmel minn kollox biex jisirqilha dak it-teżor, dak il-Fjur Verġinali illi jfewwaħ il-ħajja tiegħek, u inti tibqa' sieket u friek bħal warda?!...

GOVANNI: Jekk inti tiżgurani li qiegħed tgħid is-sewwa nagħtik somma ta' flus.

LUCIFERU: Flus lili?! Mela ħsibtni xi ?
Jiena l-flus nimxi u norqod fuqhom ... jiena gejt biex niftaħlek għajnejk u tkun tista' tieħu passi qabel ma jkun tard wisq....

GOVANNI: Sinjur, grazzi mit-tagħrif li tajtni. Jekk dak li għidtli huwa minnu, ħija Gejtanu jrid igħaddi

minn taħt il-ponta tax-xabla tiegħi!...

LUCIFERU: (waħdu ferħan): Dan kont qiegħed nistenna, il-qerda ta' Gejtanu. Saħħa Eċċellenza, narga' niġi narak ... (jitlaq)

GOVANNI: Saħħa. (jilmaħ lil Marija) Hawnhekk hawn il-mama', irrid nagħmel il-kontijiet tiegħi ...

XENA 4

MARIJA u GOVANNI imbagħad BEATRIĊE

MARIJA (tidħol magħkusa aktar mill-ewwel episodju, għadha liebsa l-iswed):
L-għodwa t-tajba, Govanni.

GOVANNI: L-għodwa t-tajba mama'. (ibus id MARIJA) Ħwejjeġ kbar għandi xi ngħidlek! Ħwejjeġ illi qatt ma kont nistennihom!....

MARIJA: Jaqaw? X'inqala'?

GOVANNI: Inqala' li sejjer nispiċċa bit-tixrid tad-demm!...

MARIJA: X'waħdedin Govanni! Għandha raġun Beatriċe tiġi tibki ħdejja ... Int ma tixbaħ xejn lil ħuk Gejtanu.. Dak jieħu kollox bis-sabar, qatt ma tani l-inqas dispjaċir, u int għal kull ħaġa ta' xejn, malajr titlef rasek ...

GOVANNI: Ta' xejn.. Lilek qatt ma tak dispjaċir, imma lili fegħrieni, ħasilli qalbi bid-demm! Tagx Tefgħali t-tosku fuq ħbub għajnejja! Seraqli l-feliċita' tiegħi!

MARIJA: X'sata' għamillek dak l-anġlu ta' mħabba? Gejtanu kulħadd imfaħħar mill-qdusija tiegħu!...

GOVANNI: Anġlu, imħabba, qdusija, Mama', tħallix aktar lil dak l-impustur ta' ħija jqarraq bik ...

MARIJA: Imma għidli xi tista' tgħid fuq ħuk li mhux qaddis?!

GOVANNI: Għadu kemm kien hawn wieħed sinjur li jafni, li jirrispettani, li ġie hawn biex jiftaħli għajnejja, għaliex ħija Gejtanu jrid jisraqli lil għarusa tiegħi biex jieħodha b'martu.

MARIJA: Ibni, int qiegħed titlef rasek ... Ħuk Gejtanu huwa aktar anġlu milli bniedem.

GOVANNI: L-anġli jmorru jiġfnu mat-tfajliet fil-palazz tad-Doge libsin il-bellus...

MARIJA (mistagħġba): Gejtanu jmur jiġfen fil-Palazz tad-Doge?!

GOVANNI: Dak is-sinjur qalli li raħ il-bieraħ filgħaxija jiġfen ma' l-għarusa tiegħi u għalhekk jiena ħsibt illi nistiednu għad-dwell. Mama', f'dawn il-

iċ-ċirkustanzi ma hemmx ahwa... Wieħed minna jrid imut...

MARIJA: Dawn mhumiex ħlief ċalunji ta' xi nies ħżiena... Il-bieraħ ħuk inqas ħareġ mid-dar, ingħalaq fil-kamra tiegħu waħdu biex ikun jista' jistudja u jiena u għaddejja smajt ukoll bħal ħoss, waqaft ma' ġenb il-bieb u nara lil ħuk ħiereġ mill-kamra tiegħu maħsul bid-dmija! Ħriġt il-maktur u xxuttajtlu idu, u meta staqsejtu xi ġralu, qalli "Mama' fis-swat u l-fraġelli nsib il-hena ta' ~~qalbi~~ qalbi, għaliex inħossni nissieħeb ma' Ġesu' fuq il-Kalvarju." Jiena ksejtlu bil-bews u hu donnu tarbija xeħet rasu fuq spallejja jibki u meta staqsejtu għaliex qiegħed jibki... qalli "Mama', Alla mhux maħbub u l-Madonna jidgħu bl-isem Imqaddes tagħha. Il-ħażen jikber dejjem u jiena nixtieq b'dirgħajja ngħannaq lil bnedmin kollha biex nifdihom, biex negħtihom fi ħdan Alla."

GOVANNI: Pero' b'dan kollu Beatrice ma għandetx li tħobbu, għaliex għadha kemm qalitli f'wiċċi.

MARIJA: Beatriċe hija masħħra mis-safa ta' qalbu, tħobb il-Virtujiet tiegħu ... Ibni, inti stess ma tħossx meta ħuk Gejtanu jkun ma' ġenbek? Xi fwieħa ta' sidru toħroġ minn go ġismu?... Dan il-palazz qisu maħsul bil-balzmu meta huwa jkun qiegħed jippassiġġa f'dawn is-swali. Il-maġġordom stess jistaqsini jekk nixħedtx xi essenza tal-fwieħa...

GOVANNI: Inħossha issa dik il-fwieħa, iżda wkoll f'dan inti tinsab imqarqra, għaliex Gejtanu ma jegħmilx ħlief jixħed fuqu l-essenza tal-ġelsomin biex jingħoġob ma' Beatrice.

MARIJA: Ma kontx inti stess li għajjartu għax iġib fuqu dik il-libsa tqila u ordinarja, għidtlu li qiegħed ibaxxi l-unur tal-familja nobbli tagħna.... u issa dawn l-akkużi kollha?.... Il-fwieħa illi ħuk iġib miegħu hija biċċa mill-ġenna illi l-Ispirtu Santu ħalla fir-ruħ tiegħu meta huwa kien għadu ċkejken, konna għadna hawn ġewwa ~~ka~~ Viċenza li rat it-twelid tiegħu.

GOVANNI: Mama', ara x'sa ngħidlek, jiena ħabbejt lil Beatriċe, u jekk minħabba ħija jitħassar dan iż-żwieġ ma hemmx triq oħra .... jew inħalli dan il-palazz jonkella nispiċċaw bid-dwell!

MARIJA: Beatriċe tinsab hawn. Staqsi lilha stess jekk kemm ilkom għarajjes, Gejtanu qattx ħares lejn wiċċha...

BEATRIĊE (li semgħet kollox, tidħol):
Govanni, irripetejtlek kemm-il darba illi jiena għajnejn ħuk, ma rajthom qatt.

GOVANNI: Rajthom il-bieraħ meta kontu wiċċ imb'wiċċ tiżfnu flimkien fil-palazz tad-Doġe.

BEATRICE (milquta): X'inhu?! Govanni! Trid terani mejta quddiemek?! Trid nehliflek?!....Den min qelulek? Forsi hareġ Luċiferu mill-infern?! Huwa biss ste' jixhet kalunja bħal din fuq huk u fuqi...

GOVANNI: Kollox jista' jkun...

BEATRICE: Govanni, jiena f'huk inħobb biss il-gdusija tiegħu, imma neħliflek fuq il-qeber tal-mama' tiegħi illi huk Gejtanu qatt ma refa' għajnejh u ħares lejja! Dak huwa Veru Qaddis!

MARIJA: Qiegħed tisma' ibni liema xhieda... huk mhux biss kiseb fama ta' qaddis fil-belt ta' Vicenza, iżda wkoll hawn f'din il-belt ta' Venezja... Il-Professur tiegħu li jgħallmu l-Franċiż kitibli ittra ta' l-akbar tifħir fuq huk Gejtanu!

GOVANNI: Tajjeb irrid nemminkom illi hija Huwa Giljuta' purezza... u dan Beatrice jissokta jkabbar l-imħabba tagħna... Imma hemm affarijiet oħra... u mhux inqas gravi... jiena bħala werriet tal-Kontea għandi d-dritt ngħolli leħni u niddefendi d-dritt leġittimu tiegħi, hija Gejtanu bil-karita' li qiegħed jagħmel ta' spiss qiegħed iġib fix-xejn il-kapital tagħna. (jilmaħ lil GEJTANU) Arwh, hemm hiereġ biċ-ċirniena, min jaf x'seraq mill-palazz biex imur iqassmu lill-fqar ... u ġur, ikel, ħwejjeġ u.... Min jaf...

MARIJA: Inti ġur illi dik iċ-ċirniena hija mimlija bl-ikel?

GOVANNI: Sejjaħlu biex tkun tista' tara b'għajnejk, Mhux biss ikel, u xi ċrebi fided u ħaġar prezzjuż...

L-AĦĦAR XENA

GEJTANU u ta' qabel kollha.

MARIJA (issejjaħ): Gejtanu!

GEJTANU: Hawn mama'! (jinn ġewwa).

MARIJA: Fejninti sejjer?

GEJTANU: Sejjer inżur il-morda.

GOVANNI: (li baqa' jippassiġġa agitat): Qiegħda tisimgħu? U tgħid li mhux qed iberbaq kulma jiġi għal idejh...

MARIJA: Gejtanu, ejja qabel ma toħroġ għax huk irid jarek...

GEJTANU: (għandu dejjem barra): Bil-qalb kollha mama'. (GEJTANU jasal għandu lċ-il sena jidhol liebes libsa hozna ordinarja bi ċirniena f'idu mimlija): X'għandek tgħidli hija? (GEJTANU ma jinsix li ma 1 jħares qatt lejn BEATRICE illi ma jħares qatt lejn BEATRICE avolja hi tiekla bil-ħarsa).

GOVANNI: Nista' naf x'għandek ġewwa dik iċ-ċirniena? Ilek ġmien

Ilek żmien toħroġ bil-moħbi t-teżori tal-palazz tagħna.... Kun af illi m'iniex beħsiebni nagħlaq għajnejja għal dan il-għamil tiegħek...

GEJTANU: Ma niċħadx illi jiena ma nħobbx lill-fqar u lil morda li jinsabu tant fil-belt ta' Venezja, iżda jekk qatt nitma lil min hu bil-ġuħ u nlibbes lil min hu għeri dak dejjem naqqastu minn dak illi l-papà ħalla lili, u jekk il-libsa li għamlitli l-mamà għat-tieġ tiegħek ma tarahiex fuqi għaliex sibt wieħed nobbli dekadut u tajtielu.

GOVANNI: Kelma hi... tagħti kullma ssib f'idejk....

GEJTANU: Trid tara bniedem imut bil-għera u bil-ġuħ? Trid ikollok qalb ta' tigra! U xi ngħidu għall-morda? ... meta taħt it-toqol ta' l-uġigħ ma jsibux min ipoġġilhom taqtira balzmu fuq il-ġrieħi tagħhom... ma jsibux min jgħidilhom kelma ta' faraġ, ma jsibux min iħejjilhom ruħhom għall-Vjaġġ ta' l-Eternità.

GOVANNI: U l-imgħaref tal-fidda? Il-buqari tad-deheb u dak il-ħaġar prezzjuż?

GEJTANU: Dana le! Dan niċħdu bil-qawwa! Dak li jien nagħti lill-fqara huwa parti minn tiegħi u tal-mamà.

GOVANNI: Allura nista' naf x'fiha dik iċ-ċirniena?...

BEATRICE: <u>(li baqgħet tisma')</u>: Govanni għall-imħabba li tar-batna ħallieh imur fil-paċi lil ħuk... Għaliex tumiljah daqsekk?!

GOVANNI: Ma joħroġx minn hawn qabel ma nara x'sejjer jieħu miegħu... <u>(bil-ħerra)</u> X'fiha dik iċ-ċirniena?

GEJTANU: Ngħidlek is-sewwa inqas jien ma naf... għaliex meta kont ħiereġ biha kienet tqila ħafna, iżda malli intkom sejjaħtuli saret ħafifa rix.

GOVANNI: <u>(Bil-korla)</u>: Trid nara xi sraqt għall-morda tiegħek? <u>(jaħtaflu bil-ħerra ċ-ċirniena minn idu. Jiżvojtaha fl-art u minnha joħorġu ħafna fjuri. Kontra xena ta' kulħadd GOVANNI jsir mena bħal ħaruf)</u>
Maħbub ħija Gejtanu! Quddiem dan il-miraklu bdejt biex nemmen jien ukoll fil-qdusija tiegħek! Ħija jien ippersegwitajtek... Nitolbok quddiem ommi u quddiem l-għarusa tiegħi.... aħfirli ta' kollox!

GEJTANU: Tgħidlix hekk Govanni... jien dejjem ħabbejtek u tlabt għalik.

GOVANNI: Mur fil-paċi... mur issokta l-missjoni tiegħek. Dan il-miraklu tal-ward jissiġilla l-qdusija tal-ħajja tiegħek! <u>(igħannqu miegħu. MARIJA u BEATRICE imbenġlin mill-ferħ jinżlu għarkubbtejhom quddiem GEJTANU b'att ta' qima kbira u b'dan il-kwadru spettakolari tinżel bil-mod il-purtiera)</u>

<u>T M I E M</u>

## IT-TIELET EPISODJU

## "BIDU TAL-MISSJONI"

JIEĦDU SEHEM:

GAJTANU, MARIJA, PATRI BUONIFAĊJU, FRA WISTIN u ĠESU' KRISTU

### X E N A

Antikamra fl-isptar ta' San Ġerolmu, fil-belt ta' Viċenza, mejda u xi erba' siġġijiet f'nofs il-kamra. Kurċifiss imdendel mal-ħajt u xi nkwatri oħra tal-qaddisin u tal-Madonna. Bieb fix-xellug fil-kamra idaħħlek fl-isptar u ieħor fil-lemin għall-kappella. F'għodwa qalila tax-xitwa. Mit-tieni Episodju għat-tielet jgħaddu 7 snin. Meta tinfetaħ il-purtiera jinstema' daqq ta' orgni u xi kant sabiħ reliġjuż.

### XENA 1

FRA WISTIN u PATRI BONIFAĊJU

WISTIN (għandu 30 sena, ftit goff iżda allegru, qed jifrex tvalja fuq il-mejda u jpoġġi servizz ta' kafe' għal tnejn. Jibda jkanta minn taħt l-ilsien).

BONIFAĊJU: (jidħol mix-xellug . Patri ta' San Ġerolimu għandu 34 sena fuq ruħu u simpatiku kemm tridu.) Fra Wistin.

WISTIN: Għidli Patri Bonifaċju...

BONIFAĊJU: Fil-kafe' poġġi ftit ilma zehar...

WISTIN (aktarx ftit komiku): Aħfirli Patri Bonifaċju, inti għandek tkun inseejt illi qegħdin nagħmluha mal-qaddisin....

BONIFAĊJU: Xi trid tgħid biha din?...

WISTIN: Irrid ngħid .. irrid ngħid illi intgħażel Kittur tal-Knisja Gejtanu Tieni biex ipatti għad-dnubiet li qatt ma kellu, inqas zokkor, ma jrid fil-kafe'..

BONIFAĊJU: Il-kafe' bla zokkor ħaġa agħira... Sawm u ċilizzji ħabib tiegħi ... Swat u ċerċir tad-demm.. Fra, inti taf illi jiena norqod ma' ġenbu il-kamra tiegħu.. Emminni illi meta nisma' dawk id-daqqiet li jagħti fuq sidru, inħossu jaqsamli qalbi!... Pero' minn mindu ngħaqad ma' l-ordni tagħna ta' San Ġerolmu daħlet il-grazzja t'Alla f'dan il-kunvent.

WISTIN: X'nagħmlu Patri Bonifaċju?

BONIFAĊJU: Ara, ħalli f'idejja.. Il-lum ikollu jagħmel eċċezzjoni... Illum għandu hawn il-mama' tiegħu donna Marija u jkollu joqgħod għal ubbidjenza tiegħi.

WISTIN: Donna Marija ... x'qalb ġeneruża! biex ~~[illegible]~~ bnitilna dan l-ispter eh?!

BONIFAĊJU: Preċiżament, kif taf inti, Gejtanu waqqaf dan l-ispter u l-mama' tiegħu ndaħlet għall-ispejjeż ta' kollox u billi għadu ~~[illegible]~~ kemm ħa d-Dutturat fl-università' ta' Padova, il-mama' ġiet tifraħlu.

WISTIN: Ħhimta d-daqqa! Illum festa kbira. Sejjer ikollu x'jagħmel il-kok... u jien ukoll.

BONIFAĊJU: Xiereq li nagħmlu daqsxejn ta' pranzu jekk mhux għal ħag'oħra biex nistiednu lil familja tiegħu ... għax kos il-Konti ħuh Ġovanni huwa benefattur tagħna wkoll... <u>(jiftaħ il-breverju li ġab miegħu u jibda jaqra minn taħt il-lsien.</u>)

WISTIN <u>(waħdu)</u>: Kolazzjon, pranzu, xi ftit inbid tajjeb.... xommar dirgħajk, Fra Wistin... u intant jiena illi ġimgħa sħiħa ma noħroġ mill-kunvent... xogħol u xogħol biss ... mill-erbgħat ta' filgħodu sal-għaxra ta' bil-lejl, ma tismax ħlief għanja waħda: Fra Wistin mur doqq il-qniepen. Fra Wistin ixgħel ix-xemgħa. Fra Wistin għin din il-quddiesa, Fra Wistin fuq, Fra Wistin fil-kantina, Fra Wistin... Fra Wistin.. San Ġerolmu jibgħatieli tajba.

BONIFAĊJU: Fra, għaliex qiegħed tgerger? Ħares lejn dak l-amklu tal-ħkejken Gejtanu ħalla n-nobbilta' u l-ġid kollu tal-familja biex ġie jgħix f'dan il-faqar tagħna... Taraħ bil-lejl u bin-nhar jassisti lill-morda, jagħmel xogħol l-aktar baxx ... qatt m'għandu siegħa mistrieħ... Forsi mhux hu li qiegħed jieħu kura ta' dak il-magħtub.... inaddfu, jikkurah l-griehi u qatt ma tisimgħu jgerger, anzi dejjem bid-daħka fuq wiċċu...

WISTIN <u>(umiljat)</u>: Aħfirli superjur! <u>(jinżel għarkubbtejh quddiem PATRI BONIĊFAJU)</u>.
Inqast, sawwatni Superjur tiegħi, biġġirni bis-swat jekk trid iżda aħfirli. <u>(ibexxi rasu sa l-art</u>)

BONIFAĊJU <u>(bi ħlewwa ta' qaddis)</u>: Isa Fra Wistin, qum mill-art. Ma nafx illi għandek qalb ta' tarbija. Qum minn hemm. <u>(jerfgħu)</u> Qed nara sewwa?....
<u>(Iħares lejn il-bieb li jagħti għall-Kappella</u>)
Donna Marija u d-Duttur Gejtanu spiċċaw it-talb tagħhom u ġejjin 'il hawn. Fra mur ġieb il-kafe'. u ara illi jkun jaħraq...

WISTIN: Biskotti nġib ukoll?

BONIFAĊJU: Biskotti xejn, għax ma jikluhomx.

WISTIN: Arani sejjer. <u>(jitlaq</u>)

BONIFAĊJU: <u>(jiddisponi ruħu biex jilqa' lil Gejtanu imur jirranġa xi affarijiet fuq il-mejda</u>).

XENA 2

BONIFACJU, GEJTANU, MARIJA mbagħad FRA WISTIN bil-kafe'

GEJTANU: (jidħol mill-bieb tal-lemin. Issa għandu 26 sena musfar bil-penitenzi. Liebes ta' patri u ħalla l-leħja tikber. MARIJA tidħol warajh. Issa għandha 55 sena. Dejjem liebsa bl-iswed u bil-velu iswed ukoll fuq rasha.)
L-għodwa t-tajba Patri Bonifaċju.

BONIFACJU: L-għodwa t-tajba u mberka lis-sinjura mama' tiegħek li qatt m'għandna kliem biżżejjed biex nstugħha ħajr...

MARIJA: Inqas irridek tgħidli iżjed ... Kif sejna Patri Bonifaċju?

BONIFACJU: Tajjeb għal grazzja t'Alla Kontessa. Imbagħad minn mindu bnejtilna dan l-isptar u għandna magħna lil ibnek Duttur Gejtanu daħlet il-grazzja t'Alla go dan il-kunvent!

GEJTANU: Il-Provvidenza t'Alla hija kbira.

BONIFACJU: U mal-Provvidenza hemm il-ħidma kbira tiegħek Duttur Gejtanu.

GEJTANU: Tumilljanix, Superjur...

BONIFACJU: Minn mindu int iffondajt din l-opra ta' l-isptar u ingħaqadt magħna mal-familja tagħna ta' San Gerolmu dannhom infethu bwieb is-sema għalina! Għidna l-ammirazzjoni ta' kulħadd...

GEJTANU: Dan l-isptar għad irid jikber għal iex f'din il-belt ta' Viċenza, morda nilmaħ kuljum kulfejn induwwar wiċċi....

MARIJA: U jekk ikun jinħtieġ li jiena niftaqar issibuni dejjem magħkom biex nagħtikom għajnuna. Għada nibagħtilkom tuzzana sodod oħra.

BONIFACJU: Grazzi twajba Kontessa, huwa go biżżejjed dak li għamilt magħna.

WISTIN (jidħol bis-servizz tal-kafe' bla nifs u jirtogħod bħal għasfur... ikun għoddu se jaqleb il-kafe' ellura inqeġi kollox fuq il-mejda.)

Sinjuri! Sinjuri! Tal-biża'!! tal-Biża'!!

BONIFACJU: Xi gralek Fra Wistin?!

WISTIN (ma jiflaħx jitkellem. kważi jtemtem u xi ftit komiku) Tal-biża'!!! Wieħed raġel! (jibla r-rieq) Wieħed raġel sibtu fuqi.. bla ma naf minfejn daħal u qalli illi jrid ikellem lil Patri Gejtanu Tieni, u jiena meta ħaristlu lejn wiċċu... X'wahdadin! Tal-biża'!!

GEJTANU: Issokta Fra Wistin....

WISTIN: Mete ħeristlu lejn wiċċu... Nibża' ngħid!... (MARIJA u GEJTANU li kienu poġġew bilqiegħda issa lqumu.)

BONIFACJU: Ma x'inhu li rajt?

WISTIN: Mete ħeristlu lejn wiċċu insib illi huwa mġiddem! (jgħatti wiċċu b'idejh)

MARIJA (mikduda): Imġiddeb?! U dan irid ikellem lil ibni?!

WISTIN: Iva Sinjura Marija Kontessa. Kont sejjer naqbdu u nixkaneh 'il barra, iżda huwa kellimni b'aċċent tant ħelu li ġiebli ħniena!

MARIJA: Imma jaħasra jkellem lil ibni... dik hija marda li ma taħfirha lil ħadd!

WISTIN: Jiena bdejt minnu u kont se nitfgħolu dak il-kafe' għal wiċċu u huwa bi ħlewwa kbira nsista illi jrid ikellmek Duttur Gejtanu. Trid immur nixkaneh 'il barra?

GEJTANU: (serju): Kif?! Din hija l-karita'?! Hekk għandna nittrattaw lil wieħed marid?

WISTIN: Aħfirli Duttur Gejtanu, naf illi nqast. Imma x'(weħdedin... qed illi ma joħroġ mill-kunvent qabel ma jarak u jkellmek.

GEJTANU: Issa fejn jinsab?

WISTIN (itemtem): Jiena kont grant sakkartu fil-parlatorju u ġibt is-savetta miegħi.

GEJTANU: Għamilli pjaċir mur iftaħlu u ġibuli hawn quddiemi....

WISTIN: Imma x'inti tgħid Duttur Gejtanu?! Int ma tafx x'sura ta' bniedem!

GEJTANU: (idur lejn PATRI BONIFACJU): Superjur, nitolbok għall-imħabba t'Alla, ibgħat lil Fra Wistin taħt ubbidjenza biex iġibli hawn lil dak il-marid.

BONIFACJU: Fra Wistin fhimt? Għall-imħabba t'Alla Huwa l-Fundatur ta' den l-istitut, illi qiegħed jitolbok, jew tini dik is-savetta ħalli mmur inġibu jiena....

WISTIN: Le, le... għall-imħabba t'Alla immur jiena. (huwa u sejjer): X'weħdedin! Tmiss ma' wieħed imġiddem.. Sen Gilormu, ibgħathieli tajba. (jitlaq minn fejn daħal)

MARIJA (tmur bil-ħlewwa fuq GEJTANU) Ibni Gejtanu x'sejjer tagħmel b'idejk. Inti taf xi tfisser tmiss ma' wieħed imġiddem?!

GEJTANU: Naf mama'....

MARIJA: Taf x'jista' jigrilek tieħu n-nifs tiegħu. Int tant delikat?... Dik hija marda illi tittieħed u ma taħfirha lil ħadd! Ibni, nitolbok għall-imħabba li għandek għalija... kollox ħallejtek tagħmel u għoddni nfaqt ġidi kollu għalik, imma li narak marid b'marda li ebda tabib ma jista' jfejqek, dan bħala omm, ma nistax nippermettih qatt!

BONIFAĊJU: Il-mama' qiegħda tgħid sewwa.

GEJTANU: Taħseb Superjur?...

BONIFAĊJU: Difetti għadu qatt ma kellna wieħed marid bil-ġdim ġewwa dan il-isptar...

GEJTANU: Ikun l-ewwel wieħed ....

MARIJA: Ikun il-qerda taż-żgħażagħ tiegħek!

GEJTANU: Mama' ibqa' żgura, illi dak Alla li għalaq il-baħar għall-ħelsien ta' Mose' mal-poplu tiegħu, mhux sejjer ma jeħlisx lili mill-marda tal-ġdim... biex inkun nista' nissokta ndewwi l-griehi tal-marda u naslvalu l-erwieħ...

MARIJA (tgħannaq lil GEJTANU u tibki):
Ibni! Sejjer taqsamli qalbi bin-niket!...

GEJTANU: Le mama'... Nitolbok iżżażwadnix minn dan l-att ta' karita'... Dak għalija huwa Fjur illi waqa' mis-sema biex jistrieħ fuq sidri... Tilqa' fi ħdanek wieħed imġiddem, iddewwieħ, u fl-aħħar ukoll tgħannqu miegħek u tbusu. Din hija l-akbar karita' illi Alla jilqagħha bħalma jilqa' lil Kerubini fis-sema!

WISTIN (minn ġewwa): Għaddi għaddi .... Imma nitolbok la tmiss miegħu... u ara li ma tmissx xejn b'idejk...

MARIJA: (La semgħet dan il-kliem, tagħfas aktar ma' qalbha lil GEJTANU): Ibni l-għażiż ta' qalbi! Daqsek biss gawdejtek! Int tinsab mifdun ħaj! Mitluf għall-ħajtek kollha! (tbusu kemm tifleħ).

WISTIN (dejjem minn ġewwa)
Għaddi, għaddi għidtlek tmiss xejn b'idejk inqas mal-ħajt, fhimtni?!...

MARIJA: Ibni Gejtanu! (tibki) L-aħħar bewsa li sejra nagħtik u nistampahielek fuq dak il-ħelu wiċċ angeliku tiegħek! Għada ma nkunx nista' nbusek aktar! (tfaqqalu bewsa fuq wiċċu u tinfired minnu tibki)

L-AĦĦAR XENA

FRA WISTIN, MARIJA; GEJTANU, P. BONIFAĊJU u ĠESU

WISTIN (jidħol wiċċ imbeżża' u jagħmel il-wiċċ' lill-imġiddem): Hekk hu, Duttur Gejtanu. (jurih lill-imġiddeb u jippreżentah lil GEJTANU)

GESU: <u>(jidħol mkebbeb f'mantell f'rasu bernuża li minn ma jidhirx ħlief ftit mil-leħja safra.)</u>

GEJTANU: Għeddi ħija l-għażiż! Gejt tfittixni biex intik sodda fl-ispter tagħna?

GESU': <u>(B'leħen l-akter ħelu)</u>: Preċiżament. Ilni ħafna niġġerra mat-toroq, kulħadd iwarrabni... ħabbat ħafna bibien u kulħadd jagħlaqli l-bieb f'wiċċi.

GEJTANU: Iżda ħuk Gejtanu mhux talli jiftaħlek il-bieb ta' l-ispter biex idewwik, iżda jiftaħlek ukoll il-bieb ta' qalbu biex jgħannqek miegħu. <u>(GEJTANU jiftaħ idejh għamla ta' salib biex jilqgħu fi ħdanu lill-imġiddem. Allura jgħanqu.)</u>

MARIJA <u>(li qiegħda dejjem tisgħer taħt is-salib)</u>
X'ġie milt b'idejk ibni?! Il-mewt biss teħilsek mill-mostru ta' dak il-mard <u>(imnikta)</u>

GEJTANU: Le mama', mhux mostru dan huwa Fjur li qed inħossu jibbalzamali ruħi bil-fwieħa! <u>(lil imġiddem)</u> Ħija jiena stess sejjer niehu kura tiegħek.

GESU: Kont naf li m'intix sejjer tagħlaqli l-bieb f'wiċċi. ... Nafha t-tieba tiegħek.

GEJTANU: Kuntent?!

GESU': Fil-ġenna biss nista' nsib kuntentizza akbar minn din! Ippermettili nbuslek riġlejk?...

GEJTANU: Le ħija, dan ma jkun qatt... Hawn fuq sidri bħal meta ngħannaq il-Kurċifiss biex inbuslu l-pjagi tal-kustat! <u>(jerġa' jaqbad lil GESU' jgħannqu u jbusu.)</u>

MARIJA <u>(tħabbu wiċċha tibki u tolfoq)</u>:
Ah! Ibni l-għażiż Gejtanu tiegħi! Mill-lum 'il quddiem spiċċa l-ġmiel tiegħek għalija!... Spiċċat dik il-ħlewwa ta' għajnejk u dawk ħaddejk mil-lewn il-ward ma nistax inbushom iżjed, għaliex sejrin jinbidlu.... u forsi lanqas inkun nista' nħares lejk iżjed !!!
<u>(F'daqqa waħda l-palk jintela' b'dawl l-akter abjad. GESU' jaqla' l-mantell minn fuqu, jixħtu fl-art, imbagħad jneħħi l-bernuża minn rasu u fil-figura ta' l-imġiddem jidher GESU' KRISTU abjad daqs ix-xemx.)</u>

~~GEJTANU~~
GESU: Gejtanu, basta inti ħabbejt u basta inti maħbub, mill-Mulej, Gejtanu. Fil-Ġermanja jinsab spirtu ħażin illi jġib l-isem ta' Martin Luteru li bix-xebla f'idu lest biex ifiergħi lil knisja tiegħi, imma inti aqbad f'idejk il-ktieb tal-Vangelu u bih tirbaħ l-ereżija tiegħu.

<u>(Kontra xena ta' kulħadd.)</u>

GEJTANU: Gesu', ibqa' miegħi sal-mewt!
(jinżel ibus riġlejn GESU', l-għrajn kollha mistgħaġbin jinżlu għarkubbtejhom b'att ta' adorazzjoni. GESU' bl-akbar ħlewwa jbierek lil GEJTANU. Biċċa mużika takkumpanja l-kwadru u bil-mod il-mod tinżel il-purtiera.)

T M I E M

TAT-TIELET EPISODJU

IR-RABA' EPISODJU

"IL-BAMBIN FI ĦDAN GEJTANU."

JIEĦDU SEHEM:

GEJTANU, PAPA LEONE X, PATRI CARAFFA, FRA WISTIN u IL-MADONNA BIL-BAMBIN

N.B. Il-parti tal-MADONNA tista' tagħmilha BEATRICE u l-BAMBIN jista' jkun tax-xena'.

X E N A:

Sagristija diċenti fil-knisja ta' Santa Marija Maggiore f'Ruma. Xejn speċjali... mejda fin-nofs xi żewġ siġġijiet, ġinokkjatur mal-ħajt. Xi Kurċifiss imdendel mal-ħajt, kif ukoll inkwatri tal-qaddisin. Fuq il-mejda hemm kulma jeħtieġ tal-paramenti sagri bqjod għal quddiesa, bieb fil-lemin, u fix-xellug, daħla fejn wieħed għandu jaħseb illi hemm il-kappella tal-Madonna jisimha "Il-Bennien tal-Bambin"
Mit-tielet episodju għar-rabgħa jgħaddu 8 snin. Ninsabu fil-lejl tal-Milied. Malli tinfetaħ il-purtiera Fra WISTIN jinsab in xena qiegħed jirranġa l-paramenti tal-quddiesa li hemm fuq il-mejda għal PATRI GEJTANU. PATRI CARAFFA persuna exxettika ta' 36 sena jinsab għarkubbtejh fuq l-inġinokkjatur qiegħed jagħmel ir-ringrazzjament ta' wara l-quddie

X E N A 1

FRA WISTIN u PATRI CARAFFA

WISTIN: Qatt ma kont naħsar illi mill-belt ta' Viċenza kelli niġi fil-belt eterna ta' Ruma, belt Imqaddsa għaliex maħsula bid-demm tal-martri.

CARAFFA. (iqum u jgħajjat l-aħħar kelma)
Ammen! (jredd is-salib)
Fra, inti tassew bniedem ifforturnat... Patri Gejtanu tant iħobbok illi kulfejn immur igorrok miegħu. Issa għebel miegħu hawn ġewwa Ruma, ukoll (itaptaplu fuq spallejh)

WISTIN: Tassew iħobbni... Int fejn taf Patri Caraffa... jiena

m'iniex ħlief ajk miżerabbli, kampjun ta' l-injoranza, u eppure Patri Gejtanu arka ta' għerf bħal dak ma jagħmilx ħlief jinżel għall-qiegħa ta' l-art biex isbuli riglejja.. ma jgħalniex nistħi bil-ftit...

CARAFFA: Inti ma tafx li qiegħed tagħmila ma' qaddis...

WISTIN: U x'qaddis!... Wasal biex igħid illi ma hux daħan li jitla' fuq l-artal biex jiċċellebra l-quddiesa, u jibki dejjem għoddu għarraq għajnejh... Imma jiena ħejjejtlu l-isbaħ pjaneta u jkollu jqaddes jrid jewma jridx...

CARAFFA: Kellna bħonn nimitaw ftit il-qdusija tiegħu....

WISTIN: Nipprova jien... Patri Caraffa... Imma meta n-nervi jitilgħu sax-xifer... allura nitlef il-qaleb u l-għbejna.

CARAFFA: Pero' illum huwa l-Milied imqaddes, jum ta' ferħ u għalhekk ngħadduha feliċi ma' lanb Gesu' Bambin.

WISTIN: Sew sew bħal-lum sena li Patri Gejtanu qaddes l-Ewwel Quddiesa u xtaq illi jagħmel l-anniversarju billi jqaddes f'din il-kappella fejn hawn il-benniena ta' Gesu' Bambin... ħalli naraw x'quddiesa gejja... Għandu mill-anqas siegħa u nofs iqaddes: malajr jitilgħuli....

CARAFFA: Fra Wistin ... tħallinix ingebbdek minn widnejk... Mela kkalma u igg iġġi ħajr 'l Alla li qiegħed ma' ġenb qaddis ... Ħares Fra Wistin, sejjer nafdalek ħaġa, bejnietna pero'....

WISTIN: Sieket bħal qabar.

CARAFFA: Minn hawn u ftit iżjed, hawn f'din il-knisja ta' Santa Marija Maggiore, għandu jiġi l-Qdusija Tiegħu l-Papa.

WISTIN: Papa Leone X jiġu hawn?!

CARAFFA: Iva, għaddel hawn biex ikollu laqa' ma' Patri Gejtanu fil-kwiet fuq affarijiet ta' mportanza kbira!.... Hemm fin-nofs l-interessi tal-knisja.

WISTIN: Allura jien inkun nista' naraħ?

CARAFFA: Taraħ, iżda nirrakkmandalek eh, ġib ruħek ta' kavalier....

WISTIN: Imma nkun nista' nbuslu riglejh ukoll?

CARAFFA: Ma jkollux żmien x'jitlef. Tkun ixxurtjat jekk tkun tista' tbuslu idu...

WISTIN (<u>baxxa minnu nnifsu bil-ferħ jibda jgħajjat</u>): Fra Wistin ibus id il-Vigarju ta' Kristu!

CARAFFA: Issa titlifx rasek eh?...

WISTIN: Le Patri Caraffa. Imma xi triduni nagħmel jekk qed inħoss qalbi taqbeż bil-ferħ! Mhux rajt. ... Il-Papa jiġi hawn biex ikellem lil Patri Gejtanu.

CARAFFA: Ma fihiex biex tistgħaġeb. Il-Papa mhux biss għamel lil Patri Gejtanu Protanotarju Appostoliku u prelat, iżda sar l-akbar bniedem konfidenti tiegħu (fil-ħin jinstamgħu daqq ta' qniepen kbar idoqqu bħal festa)
Hekk hu, il-qniepen qegħdin iħabbru l-wasla tal-Papa!

WISTIN (jinżel għarkubbtejh):
Oh! X'ferfir ta' qalbi! (iħomm qalbu)
Mulejja, la tħodnix għalissa... ħallini qabel narа lil Vikarju ta' Kristu! Imbagħad ma jimpurtax jekk immut!

CARAFFA: (jinżel għarkubbtejh huwa wkoll, il-PAPA fost id-daqq tal-qniepen, jidħol ma' GEJTANU.)

XENA 2

PAPA LEONE X PATRI GEJTANU u ta' qabel.

PAPA (jidħol b'mantell aħmar fuq libsa bajda warajh PATRI GEJTANU umli umli issa għandu 34 sena. PATRI CARAFFA u FRA WISTIN iqumu u jbusu is il-Papa u l-PAPA jberikom. PATRI CARAFFA jagħmel sinjal lil FRA WISTIN u bl-akbar reverenza joħorġu. Il-PAPA u PATRI GEJTANU jibqgħu waħedhom.
Patri Gejtanu, poġġi ma' ġenbi bilqiegħda....
(IL-PAPA joqgħod bilqiegħda)

GEJTANU: Santita' ħallini nibqa' għarkubbtejja....

PAPA' Għidtlek poġġi bilqiegħda ma' ġenbi... għandna bżonn nitkellmu fit-tul... irrid il-parir tiegħek, imma aktar il-ħidma ta' l-apostolat tiegħek.

GEJTANU: Nobdik Santita', għax hawnhekk hawn l-umli qaddej tiegħek. (ipoġġi bilqiegħda)

PAPA: Gejtanu, huwa veru illi Alla ried jipprovak, meta jiena mal-prinċipijiet tal-knisja ma konniex qbilna miegħek li int tindaħal għal biċċa xogħol hekk iebsa biex twaqqaf ordni ġdida u tirriforma l-kleru regulari, iżda dal-lejl kelli ħolma fuqek ta' l-għaġeb! Rajtek liebes kurazza. b'xabla f'idek u bħal ġgant tissielet ma' mostru...
Għall-ewwel dan il-mostru nfernali feriek u inti meddejt rasek fl-art għal mejjet, imma mbagħad ftaħt għajnejja, qomt u bil-ktieb tal-Vanġelu f'idejk bdejt tipprieditka u xejjint l-għadu tiegħek.

GEJTANU: Santita'...

PAPA: Naf jiena xi tfisser din il-ħolma: Martin Luteru ċarrat il-libsa ta' Agostinjan minn fuqu,

ittradixxa l-Vokazzjoni u ħareġ mill-kunvent bħal lupu feroċi biex jeqred lil Vikarju ta' Kristu u jxejjen il-knisja Tiegħu b'duttrina ġdida ta' l-akbar ereżija. Ċaħad is-sagramenti u b'din l-ewwel ġebla li xeħet lil Kristu mar jgħid: "Idneb kemm tiflaħ!" u jrid iwaqqa' għaż-żuffjett il-Vanġelu.

GEJTANU: Kollox naf Santita' u tlabt għal konverżjoni tiegħu.

PAPA: It-talb għamel il-mirakli, iżda mat-talb tinħtieġ il-ħidma kbira tiegħek...

GEJTANU: Għidli x'għandi nagħmel Santita'? Jiena ħajti offrejtha għalik u għal Knisja tiegħek. Kemm-il darba niżilt fil-katakombi ta' San Kalisto u hemm ġietni x-xewqa illi mmut martri ma' l-ewlenin insara li taw demmhom għall-imħabba t'Alla.

PAPA: Imma bħalissa l-Mulej irid minnek ħwejjeġ oħra... Inti taf illi jiena biex jitkompla t-tempju ta' San Pietru tajt teżor ta' indulġenzi lil insara taddinja kollha biex jagħtu għajnuna?.... Luteru ppressesset mill-ispirtu tad-dlamijiet minn flok li ta din l-għajnuna biex dan it-tempju t'Alla jikber u jkun ċentru ta' l-umanita' huwa qiegħed ixerridha li dan it-teżor ta' indulġenzi ma hux ħlief bċejjeċ negozju.

GEJTANU: X'qerq Santita' ! X'ereżija! Forsi mhux int is-Sultan ta' l-erwieħ tal-purgatorju?! Forsi mhumiex l-indulġenzi illi jħaffu l-pwieni tagħhom.

PAPA: It-traditur wara li ġie hawn f'Ruma u raġa' lura fil-Germanja, beda jikteb ħafna ittri lis-slaten ta' l-Ewropa, uħud ġa aċċettaw id-duttrina tiegħu... imma l-aktar li jaqsamli qalbi li mhux biss is-slaten mas-sudditi tagħhom, iżda wkoll ħutna reliġjużi ingħaqdu miegħu. Huma basta dawk il-Ministri t'Alla illi pprofessaw il-Voti u mhumiex josservawhom...

GEJTANU: Naf Santita' . Din hija ħaġa tal-biki!

PAPA: U għalhekk, bin-nuqqas ta' fidi tagħhom bittraskuraġni fl-amministrazzjoni tas-sagramenti qegħdin iħallu lil ħrief tagħhom imutu fi bruda kbira.

GEJTANU: Xi żmenijiet ta' swiet il-qalb Santita'.

PAPA: Wisq nibża' illi waslet biex isseħħ il-Profezija ta' Iżaia, "Eteret Sicut Populus Sic Sacerdos."

GEJTANU: (kważi jibki): Santita', Alla jrid jipprova l-paċenzja tiegħek...

PAPA: Ma nistax insib paċi!... Kif inti tara l-infern ħareġ bil-kotra kontra tagħna!... Imma jekk

Luċiferu qiegħed jinqeda b'Martin Luteru għall-qerda tal-knisja ta' Kristu, mill-banda l-oħra Gejtanu Alla sejjer jinqeda bik. Huwa jrid isalbek miegħu u inti toffri ruħek biex terġa' tifdi l-umanita'!

GEJTANU: Santita' Arani f'riġlejk bħal Vittima, jiena kont qiegħed nistenna l-ubbidjenza tiegħek...
*(jinżel għarkubbtejh)*
Mulej, Alla tiegħi, għidli x'nista' nagħmel għalik?!
Hekk hu Santita' bħalma għedek kif tgħidli, il-Kleru regolari ma għadx għandu dik il-ħrara u l-ħeġġa għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ u għalhekk jiena ġejt nitolbok biex tagħtini permess nagħmel riforma kbira fil-kleru... u allura meta l-knisja jkollha Patrijiet u qassisin li kapaċi jxerdu demmhom għall-fidwa ta' l-umanita' allura Alla jagħmel il-mirakli!

PAPA: Alleluja! *(ferħan irid itir)*
Gejtanu, għalhekk ġejt hawn jien delgħodu, biex flimkien mal-Kardinali nagħtik il-permess li tagħmel din ir-riforma ġdida tal-ajeriċi regolari Gejtanu, inti anġlu mibgħut mis-sema! Ħajja ġdida, aktar fidi u aktar imħabba, ħidma bla serħan għall-fidwa ta' l-erwieħ, u b'dan il-programm nidfnu l-ereżija ta' Luteru!
*(Iqum b'entużjażmu)*

Gejtanu Alla jkun miegħek. Għada nigbor lill-Kardinali kollha ta' Ruma, u wara li nitolbu lill-Ispirtu Santu nafdaw f'idejna din ir-riforma ġdida. Ħallini narak spiss... kun imbierek ibni Gejtanu.

GEJTANU: Hekk hu l-umli qaddej tiegħek Santita'. *(ibus id il-PAPA, il-PAPA jbierku u jitlaq minn fejn daħal)*

X E N A 3

GEJTANU waħdu mbagħad FRA WISTIN u P. CARAFFA

GEJTANU: *(jinżel għarkubbtejh quddiem il-Kappella tal-Madonna .)*
Madonna, jiena issa ninsab bogħod minn ommi, iżda għandi Lilek u ma nħossnix iltim. Madonna inti smajtu lil Vikarju ta' Kristu... jiena il-midneb kbir, ħlejqa l-aktar umli, inkun jiena li naqred l-ereżija ta' Luteru? *(pawsa)*
Madonna, illum il-Milied imqaddes, bħal-lum sena qaddist l-ewwel quddiesa, tini l-għajnuna biex inqaddes din il-quddiesa u agħmel li meta Gesu' jinżel fuq l-artal bejn dawn l-idejn umli tiegħi jagħtini l-għajnuna, il-qawwa, biex bix-xandir tal-Vangelu l-knisja tkun tista' tkanta l-Hosanna!
*( jmur ma' ġenb il-mejda fejn hemm il-paramenti tal-quddiesa u jipprova jilbes l-ammittu. )*

Imma le... jiena midneb bħali għandi l-kuraġġ immur fuq l-artal biex nilqa' fuq sidri lil dak Gesu' li qiegħed iżomm id-dinja?! *(jibki)*
Kif għandi l-ħila nidher quddiem dak il-kobor kollu?!.... *(jibki)* Gesu', jekk quddiem il-Vikarju ta' Kristu ħassejt dan ix-xejn tiegħi, x'sejjer jiġri minni meta tinżel bl-anġli tiegħek ma' ġenbi biex ngħanqek miegħi?.....
*(jerġa' jmur quddiem il-kappella)*
Omm tiegħi Marija, inti taħseb illi jiena denen sabiex nilqa' fi ħdani lil ibnek Gesu'?!

(jaqa' għarkubbtejh u jbexxi rasu jibki u jolfoq kemm jiflaħ. Ma' l-aħħar kliem ta' GEJTANU dik il-kamra tintela' bid-dawl u tinstema' mużika l-aktar sabiħa. Hawn il-Madonna toħroġ minn ġol-kappella bil-Bambin f'idejha u toffrih lil GEJTANU li jaqa qem bilwieqfa bħal bniedem miblugħ. GEJTANU li fuq wiċċu deher il-ferħ tal-Ġenna jilqa' lil GESU' BAMBIN f'dirgħajh u jkun pront ibusu. Mill-bieb tal-lemin jidħlu PATRI CARAFFA u FRA WISTIN u għal din id-dehra mirakuluża jinżlu għarkubbtejhom imsaħħrin. KWADRU u qalb dan il-ferħ ta' kulħadd bil-mod il-mod tingħalaq il-purtiera.)

T M I E M

TAR-RABA' EPISODJU

IL-ĦAMES EPISODJU

"IR-RIFORMA"

JIDĦLU SEHEM:

PAPA LEONE X GEJTANU DOGE TA' VINEZJA INGINIER, MARJU u POPLU RUMAN minn barra

X E N A

Għadna fil-belt Eterna ta' Ruma. Antikamra fil-palazz tal-Papa ma' ġenb il-knisja ta' San Pietru li għadha qed tinbena fejn il-papa jagħti xi udjenzi privati. Bieb fin-nofs, ieħor fil-lemin u tieqa li tagħti għall-pjazza l-kbira ta' San Pietru. 4 siġġijiet 'il hawn u 'l hinn u mejda mgħottija b'tapit illi jmiss ma' l-art fuq il-mejda kotba u dak kollu li jinħtieġ biex tikteb. Ma jonqosx xi Kurċifiss sabiħ wieqaf mkoll fuq il-mejda ... u xi kwatri sagri mdendlin mal-ħajt.
Mir-raba' episodju għal ħames jgħaddu 8 snin. F'lejla sabiħa ta' Awissu tal-1524.
Malli tinfetaħ il-purtiera l-Papa makk jinsab bilqiegħda ma' ġenb il-mejda f'taħdita ma' l-inġinier.)

PAPA: Professur, jiena għażilt lilek bħala arkitett ta' fama kbira, fhex it-tempju ta' San Pietru għandu jkun l-akbar u l-isbaħ fost it-tempji kollha.

INGINIER: Ikun Santita'. Iżda biex intelligħu l-kopplа teħtieġ somma ta' flus enormi!...

PAPA (qalbu sewda): Għandek raġun... Mil-mument ta' Luteru fetaħ dik il-gwerra qalila kontrina ħafna mis-slaten ta' l-Ewropa qabdu l-ġid tal-knejjes Kattoliċi f'idejhom u għall-bini ~~xx~~ ta' San Pietru m'għadhom jagħtu xejn.

INGINIER: Aħfirli Santita' jiena ma nistax noħroġ flus aktar minn ġewwa... Il-ħaddiema jridu jitħallsu... il-materjal iqum ħafna flus...

PAPA: Fhimtek... għalhekk ix-xogħol miexi bil-mod.... Iżda l-koppla ta' San Pietru jeħtieġ li tinbena. u jien għandi tant fidi li naraha wieqfa li jekk ma jitħorrkux is-slaten u l-insara tad-dinja jinżlu l-angli mis-sema u jweqqfu dan it-tempju huma għax Alla jridu,

INGINIER: Naf illi l-fidi tiegħek hija kbira Santita', u l-fidi kbira tiegħek biss setgħet tagħti bidu għall-impriża kbira bħal din!... Iżda mal-fidi jinħtieġu l-xxx miljuni tal-liri.... Ħsieb ftit Santita', biex saqqafna l-kolonni ta' rħam infaqna mal-erba' miljuni....

PAPA: Dan qaluli l-amministratur tiegħi ukoll...Imma hemm ħaġa li tikkonfortana... Hemm fin-nofs dak il-qaddis ta' Gejtanu Tieni....

INGINIER: Iva, dak bin familja għanja ħafna... jaqaw tak xi somma ta' flus kbira?...

PAPA: Ma tanix għax il-ġid tiegħu ġa nefqu għall-isptarijiet li ġa waqqaf.... Imma ġabar ħafna deheb u flus minn xi bliet ta' l-Italja. Pero' l-ġid ta' Patri Gejtanu jinsab hawn, oqgħod isimgħani inginier: Patri Gejtanu Tieni huwa wieħed mill-prediletti tiegħi li kif taf għandu fama ta' qaddis. Megħejjun mill-qawwa ta' l-ottimiżmu dan wasal biex għamel riforma, għaqqad il-kleru sekulari ma' l-ordnijiet regulari u tar-reliġjużi. Din kienet l-akbar impriża li qatt kellha l-knisja kattolka! U mhux biss il-ministri ta' Kristu sempliċi reġistru għall-ħajja qaddisa, ukoll isqfijiet u Kardinali qegħdin joffru ġidhom għall-bini ta' dan it-tempju. Saħansitra kien hemm min qala' s~~s~~alib tad-deheb minn fuq sidru u tagħtuli.

INGINIER: U dan kollu meritu ta' Patri Gejtanu?

PATRI Dan il-ġid kollu bis-saħħa ta' dak l-umli Patri Gejtanu Tieni.

INGINIER: Allura hemm tama illi x-xogħol jista' jissokta?...

PATRI: Imbagħad tinsiex li hemm ukoll il-familja tiegħi... il-familja Di Medici...

INGINIER: Dawn huma fatti illi jagħmlulek kuraġġ... Iżda fejn jinsabu dawn it-teżori?

PAPA: Jaslu jaslu inginier... u ma jdumux (tinstama' taħbita fuq il-bieb)
Għaddi.

X E N A 2

MARJU U te qabel

**MARJU** (kamrier konfidenzjali tal-PAPA, għandu 50 sena u liebes livrea ta' lussu, jidħol b'kexxetta magħluqa f'idu, allura jagħmel riverenza quddiem il-Papa.) Santita' jekk mhux ħin nigi ħin ieħor...

**PAPA:** Le Marju għaddi. X'hemm mill-ġdid?

**MARJU:** Patri Ġejtanu Tiene bagħatlek din il-kexxetta Santita'.

**PAPA:** Qallek x'fiha?

**MARJU:** Iva Santita', dawn huma t-teżori tad-deheb illi Patri Ġejtanu ġabar minngħand l-isqfijiet u l-kardinali għall-bini tal-knisja ta' San Pietru.

**PAPA:** Għaliex ma ġiex bihom hu?

**MARJU:** Patri Ġejtanu ma tantx iħobb juri ruħu Santita'...

**PAPA** (lil INGINIER): X'għadni kemm għidtlek Professur?! (ferħan) Il-providenza t'Alla ma tonqosx....

**INGINIER:** Irrid nemmen illi l-fidi tqanqal il-muntanji minn banda għall-oħra.

**MARJU:** Issa meta ~~jgħaġġbux~~ jogħġob il-Qdusija Tiegħek, hawn id-Doge ta' Venezja jixtieq ikellmek...

**PAPA:** Malli joħroġ il-Professur daħħal lid-Doge ta' Venezja.

**MARJU:** Tkun servut, Santita'. (ikun sejjer)

**PAPA:** Marju, għid lil Patri Ġejtanu illi rrid inkellmu....

**MARJU:** Tkun servut Santita' (jinkina u joħroġ minn fejn daħal.

**PAPA:** Inġinier, din ir-riforma li għamel Patri Ġejtanu, kienet veru miraklu. Ġibet il-grazzja t'Alla fuq id-dinja kattolka. Il-kleru mgħaqqud bħal bniedem wieħed ma' l-appostolat ta' Patri Ġejtanu biex jikkumbatti l-ereżija ta' Luteru, u meta għandek kleru qaddis u nsara tajbin it-tempju ta' San Pietru jitla' bħal siġra tal-ballut biex iħaddan lid-dinja kollha.

**INGINIER:** Minn fommok għas-sema Santita'. Mela jiena sejjer biex nagħti bidu tal-koppla.

**PAPA:** Iva, dik il-koppla trid tkun il-kuruna tad-deheb tas-sultan tas-slaten.

**INGINIER:** Tkun. Inbus idejk Santita'. (ibus id il-PAPA)

**PAPA:** Kun imbierek (iberku l-inġinier joħroġ u jħalli l-bieb miftuħ).

XENA 3.

PAPA LEONE X u id-DOGE

DOGE: (ta' 60 sena liebes gala, malli jidhol l-inġinier jidhol u jmur fuq il-PAPA jitbexxa biex ibuslu riġlejh)

PAPA: X'sejjer tagħmel Eċċellenza? (jerfgħu)
Hawn fuq sidri. (jgħannaq lid-DOGE)
Id-Doge ta' Venezja huwa sagru għal Vikarju ta' Kristu!

DOGE: Jekk ix-xejn tiegħi għalik huwa sakru l-Vikarju ta' Kristu għalija huwa l-Kristu nnifsu fuq l-art.

PAPA: Grazzi, ibni l-għaziż! Għall-inqas smajt kelma ta' konfort! Meta għidli li ma xrobtx, inti xrobt il-velenu ta' Luteru bħas-slaten l-oħra....

DOGE: Għal grazzja t'Alla l-belt ta' Venezja baqgħet ħielsa mill-pesta Luterjana. Fil-belt ta' Venezja l-Kristu u l-Vikarju tiegħu għadhom isaltnu f'kull qalb u f'kull menti! Il-baħar sabiħ ta' Venezja ma tħammidx bl-ereżija ta' Luteru! U għal dan ngħidu grazzji lil dak il-qaddis ta' Patri Gejtanu Tiene!

PAPA: Kif! Għidli għidli.. Kellimni minnu Patri Gejtanu Tiene...

DOGE: Kif taf inti, Santita'.. wara l-ħidma li huwa għamel biex jeħles lil Venezja mill-qilla tat-Torok, wara li ġieb il-paċi bejn ir-Repubblika Venezjana u l-Vatikan, huwa ta ruħu Nattiena bit-talb u bil-penitenza biex l-għadu t'Alla ma jidħolx ġewwa dik il-belt imqaddsa! Huwa fetaħ il-bibien tal-knejjes li kienu magħluqin u bix-xandir tal-Vanġelu rebaħ il-qlub ta' kulħadd. Għalhekk il-poplu Venezjan baqa' fidil għat-tradizzjonijiet tiegħu, irrid ngħid kattoliku mija fil-mija.

PAPA: Oh! Iben għażiż tiegħi Gejtanu!!... Kieku jiena kelli ħafna Gejtanijiet Tieni ma' ġenbi kieku d-dinja timxi fid-dawl u kulħadd jagħraf Sultan Sultan Wieħed li huwa Ġesu' Kristu.

DOGE: Santita', issa miegħi jiena ġibt xewġ rigali:
(joħroġ borża bil-flus)
Il-poplu Venezjan ferħan bit-teżori ta' l-indulġenzi illi Qdusija Tiegħek għoġobha tikkonċedilhom, jotfrulek din is-somma flus għall-bini tal-knisja ta' San Pietru (jagħti l-flus)

PAPA: Oh! xi qlub ġenerużi! Il-barka t'Alla tinżel fuqhom.

DOGE: (joħroġ midalja tad-deheb (dekorazzjoni) u din joffrija l-Kunsill ta' l-għaxra lil Patri Gejtanu fejn ħatru kemmunku kavalier ta' San Mark għat-twettieq tal-ħidma tiegħu.
(Tinstema' taħbita fuq il-bieb)

PAPA: Kumbinazzjoni lilu qiegħed nistenna u naħseb li ġie!(Doġe jidħol ioum) Ibqa' fejn int Eċċellenza.

XENA 4

PAPA, GEJTANU, DOGE u MARJU

MARJU (jidħol u jagħmel dejjem riverenzi) Santita' inti dispost illi tilqa' lil Patri Gejtanu? Huwa jinsab hawn.

MARJU: Anzi ġie fil-waqt. Għidlu jgħaddi.

MARJU (joħroġ jerġa' jidħol u malli jippreżenta lil PATRI GEJTANU jerġa' joħroġ.)

PAPA: Ibni Gejtanu ejja hawn ma' ġenbi...

GEJTANU (issa għandu 44 sena. Jidħol kollu umli u bil-kemm għandu l-kuraġġ jersaq ma' ġenb il-PAPA. )

PAPA: Gejtanu inti anġlu tas-sema!

GEJTANU: Santita', nitolbok tħammarlix wiċċi.

PAPA: Irridek hawn hawn fuq sidri. (IL-PAPA jiftaħ dirgħajh għamla ta' salib.)

GEJTANU (bl-akbar mistħija): (jersaq lejn il-PAPA. il-PAPA jgħannqu miegħu.)

PAPA: Qiegħed tara min ġie jarana? (jurih lid-DOGE)

GEJTANU (meta nfired mill-PAPA u lemaħ lid-DOGE): L-Eċċellenza Tiegħu! Kif inti Sur Markiż?

DOGE: Jiena tajjeb, u wara t-tgħannieqa tal-Vikarju ta' Kristu, nitolbok taċċetta wkoll il-bewsa tal-poplu Venezjan mal-kunsil tar-Repubblika. (igħannqu lil GEJTANU).
Patri Gejtanu, ir-Repubblika Venezjana rikonoxxenti tal-ġid qatt minsi li għamilt mad-ċittadini ħatritek Kavalier ta' San Mark. Santita' xieraq li din id-dekorazzjoni tpoġġihielu inti fuq sidru..... (jagħti d-dekorazzjoni lil PAPA.)

PAPA: U jiena tal-ħidma kbira li qed tagħmel għall-knisja, ma' din id-dekorazzjoni ta' Kavalier taf x'sejjer nagħtik ibni, Gejtanu? Nagħtik qalbi Qalb il-Papa!

GEJTANU: Santita'! (umli u konfuż): Jaħasra jiena ma għamilt xejn! Kollox għamel Dak il-Bambin illi l-Madonna poġġietli fuq dirgħajja!

PAPA: U jiena sejjer inpoġġilek din il-midalja fuq sidrek li ġablek l-Eċċellenza Tiegħu.

GEJTANU: Jekk l-Eċċellenza tiegħu d-Doġe ma jeħux fastidju, noffri l-valur ta' dak id-deheb għall-bini tal-knisja; huma ħafna l-isqfijiet u Kardinali

li qalghu s-salib tad-deheb minn fuq sidirhom ghal dan l-iskop...

PAPA: Imma din hija dekorazzjoni ta' Kavalier.

GEJTANU: Santita', ahfirli, ma nixtieqx naċċetta dawn l-unuri fil-waqt li hafna minn huti qeghdin iżżeru demmhom biex jikkumbattu mieghi l-erezija ta' Luteru.

PAPA: Ghandek raġun, ibni! (lid-DOGE) Inti xi tghid, Eċċellenza?

DOGE: Ghalina Patri Gejtanu huwa dejjem il-kavalier li fdiena. Minn inkwantu d-dekorazzjoni, iddisponi inti Santita'....

PAPA: Grazzi, inpoġġuha mat-teżori l-ohra.

DOGE: Santita', jiena sejjer inhallikom.

GEJTANU: Eċċellenza, irringrazzja lill-Kunsill tal-Ghaxra u ghid lill-poplu Venezjan illi Gejtanu jhobbhom.

DOGE: Iva, u nghidilhom ukoll illi ridet tkun l-umilta' tieghek biex tirrifjuta teżor bhal dak. (jitbissem.) Berikni Santita'. (ibus id il-PAPA.)

PAPA: Kun imbierek u hu mieghek il-berka tieghi ghall-poplu ta' Venezja.

DOGE: Tkun obdut Santita'. Patri Gejtanu, Addio, ismek huwa stampat bid-demm tal-penitenzi tieghek fuq mewġ il-bahar ta' Venezja u kulhadd ihares lejh b'qima kbira! (jghannaq lil PATRI GEJTANU u jbusu fuq ġbinu. jitlaq minn fejn dahal.)

GEJTANU (wara li tah l-ahhar tislima b'idejh lid-DOGE) Santita' inti bghatt ghalija?

~~GEJTANU~~ PAPA: Gejtanu! (jaqbadlu idu u jghafasha): Xtaqt nifrahlek... x'fiha dik il-kaxxetta li bghattli?

GEJTANU: Deheb u haġa prezzjuża illi l-Prinċpijiet tal-knisja ghoġobhom joffrulek ghall-bini ta' San Pietru.

PAPA: Bravu Gejtanu ghaqlija tieghi! Minkejja l-gwerra li qieghed jaghmlilna Martin Luteru.

GEJTANU: Santita', inti taf illi Luteru jinsab mill-ġdid hawn ġewwa Ruma?!

PAPA (kważi maqtugha) Luteru mill-ġdid ġewwa Ruma?!

GEJTANU: Din id-darba ġie aktar armat u biex jisraq aktar erwieh qieghed iqassam xi flus ... qieghed idur ukoll l-isqfijiet u l-kunventi kollha biex jiġbidhom ghall-idejat tieghu u daqa rnexxielu jisraq lil xi whud minnhom.

PAPA: Dan mhux bniedem, dan huwa spirtu li ħareġ mill-infern! Dak il-ktieb li inti stampajt kontra l-ereżija tiegħu qiegħed jimxi xejn?...

GEJTANU: Bl-eluf Santita'.

PAPA: Fejn taħseb li jinsab Luteru bħalissa?...

GEJTANU: Qiegħed jieqaf fil-pjazez u jkellem lill-poplu bil-kliem ta' għerf li jikkonvinċi...

PAPA: X'tista' tistenna minn ruħ illi hija ppossessata mid-demonju!... Huwa ħareġ pubblikament il-bolla ta' l-iskomunika u mkeċċi mill-Imperatur Karlu V. tal-Ġermanja reġa' ġie hawn f'din l-art mqaddsa ta' Ruma bħala lupu mġewweħ għall-qabda tiegħu! Iżda x-xorti ta' Ġuda qiegħda tistennieh!...

GEJTANU: Mulej ikollok ħniena minnu!...

PAPA: Jalla jgħix u jikkonverti! (jinstema' leħen <u>LUTERU minn barra.</u>)

LUTERU (<u>minn barra</u>): "Ċittadini Rumani, jiena ma ġejtx mill-Ġermanja biex nitlobkom xi ħaġa tal-karita'." (<u>GEJTANU u l-PAPA jisimgħu</u>).
"Imma ġejt fostkom biex niftħilkom għajnejkom."

GEJTANU (<u>imur ħdejn mit-tieqa</u>): Huwa, Santita', Luteru qiegħed jitkellem mal-folla fil-pjazza ta' San Pietru.

PAPA: Għadu jixħet il-velenu?! X'irid jaħseb mejjet?... "Non Prevalebunt." Il-Vikarju ta' Kristu jista' jmut taħt id-daqqa tal-mannara, imma l-knisja Ġisem Mistiku ta' Kristu tibqa' sejra sakemm it-trombi jħabbru l-ġudizzju universali!

LUTERU (<u>dejjem minn barra</u>): "Ċittadini Rumani! Il-Papa, il-qassisin, jgħallmukom illi fid-dinja hemm Alla ta' provvidenza li jieħu ħsieb ta' l-iżgħar kreatura, iżda jiena Martin Luteru nagħt kom prova illi din hija duttrina qarrieqa. Kieku Alla tassew kien jieħu ħsieb ta' dak li ħalaq, fid-dinja, ma kienx ikun hawn gwerer, mard u ġuħ li joqtlu. Dak kollu li jiġri fid-dinja tajjeb jew ħażin, ma għandu x'jaqsam xejn mar-rieda ta' Alla... Alla x jaħseb biss fl-ogħli tiegħu."

GEJTANU (<u>li ħass fjamma ner titgħalu għal rasu</u>): Liema daqna!!!!

PAPA (<u>addolorat</u>): Gejtanu, kun int it-tarka ta' din l-ereżija!...

GEJTANU (<u>jitfaċċa bi ħrara kbira mit-tieqa u jkellem lill-folla.</u>)
Poplu Ruman li tgħammar fil-belt imqaddsa mħasula bid-demm tal-martri! (<u>applawsi tal-folla minbarra</u>) Luteru mkeċċi minn art twelidu minħabba d-dagħa feħxi tiegħu, ġie hawn biex jisraq ir-ruħ tagħkom (<u>applawsi</u>) Luteru bniedem sakrilegu u mishut

miżmut mill-Papa, qalilkom li Alla ma hux mal-bniedem... Għiduli ħuti l-għeżież, mhux Alla jtella' x-xemx u jniżżilha, jibgħat ix-xita u jkabbar il-qmuħ? biex ixebba' miljuni ta' ħluq?.... Taraw b'għajnejkom l-għasafar jikbru, il-fjuri jilbsu u n-naħla tagħtikom il-għasel... Għidu intom jekk qatt neqsikom id-dawl, l-ilma u l-ħobż. (applawsi aktar qawwija) Minn idejn il-Mulej għadha nieżla kuljum il-manna tas-sema u Kristu ma marx fi ħdan Missieru u ħalliena weħedna, imma ħallielna lil Vikarju Tiegħu biex ikun il-Missier tal-qlub u ħalla lilu nnifsu fl-Ewkaristija biex ikun l-egħixien ta' ruħna. (għajjat minn barra) "Viva l-Papa! Irridu narawh!")
Sentita' l-poplu Ruman għadu jħobbok, iriċ jarak..: ħares kemm nies ixejjru l-imkatar...

**PAPA** (Bid-dmugħ f'għajnejh jitfaċċa minn gotitieqa. applawsi qawwijin)
Uliedi, Fostkom għandkom lil Satana! Luteru huwa traditur tal-knisja! Uliedi, fittxu fl-aħħar enċiklika fejn għidtilkom illi: "Il-Vanġelu huwa ħlewwa, imħabba, sagrifiċċju. Bil-waqt illi d-duttrina ta' Luteru ma hiex ħlief gwerra, qerda, negozju u dagħa faħxi! (applawsi)
Issa araw x'sejjer ngħidilkom li min ~~xxxxxxxxxx~~ iħabbat rasu ma' din il-ġebla ta' Pietru jfarrakha ażżar... (tgħajjiet minn barra: "Abbasso Martin Luteru! Viva l-Papa! Viva Patri Gejtanu!)
Uliedi, kunu mberkin! (ibierek lill-folla bil-għeluq tas-salib. l-għajjiet minn barra għadu jinstema'. il-PAPA jerġa' jitfaċċa mit-tieqa. il-folla tapplawdixxi mill-ġdid. hawn il-PAPA jinfaqa' f'bikja u jmur joqgħod bilqiegħda ma' ġenb il-mejda u jpoġġi wiċċu bejn idejh. l-għajjat ta' barra jieqaf u taqa' ħemda kbira.)

**GEJTANU** (wiċċu wkoll maħsul bid-dmugħ baqa' jħares mit-tieqa. fil-ħin jintrefa' t-tapit twil tal-mejda li fuqha hemm jibki l-PAPA u toħroġ id bi stallett li jidher sewwa ippuntat għal fuq sider il-PAPA biex joqtlu. GEJTANU jindunа, imur b'ġirja, jaqbad dak l-istallett biex isalva l-ħajja tal-PAPA u jibqa' jżomm l-istallett b'saħħa sopra nnaturali sakemm tingħalaq il-purtiera. Il-PAPA huwa salv bla ma jaf xejn. GEJTANU għadu jżomm dak l-istallett b'reżistenza kbira tingħalaq il-purtiera.)

TMIEM

TAL-ĦAMES EPISODJU

mistħut mill-Papa, qetilkom li Alla ma hux mal-bniedem.. Għiduli ħuti l-għeżież, mhux Alla jtella' x-xemx u jniżżilha, jibgħat ix-xita u jkabbar il-qmuħ? biex ixebba' miljuni ta' ħluq?.... Taraw b'għajnejkom l-għasafar jikbru, il-fjuri jilbsu u n-naħla tagħtikom il-għasel... Għidu intom jekk qatt neqsitkom id-dawl, l-ilma u l-ħobż. (applawsi aktar qawwija) Minn idejn il-Mulej għadha nieżla kuljum il-manna tas-sema u Kristu ma marx fi ħdan Missieru u ħalliena weħedna, imma ħallielna lil Vikarju Tiegħu biex ikun il-Missier tal-qlub u ħalla lilu nnifsu fl-Ewkaristija biex ikun l-egħixien ta' ruħna. (għajjat minn barra) "Viva l-Papa! Irridu narawh!")
Santita' l-poplu Ruman għadu jħobbok, iridu jarak..: ħares kemm nies ixejjru l-imkatar...

PAPA (Bid-dmugħ f'għajnejh jitfaċċa minn fuq it-tieqa. applawsi qawwijin)
Ulledi, Fostkom għandkom lil Satana: Luteru huwa traditur tal-knisja: Ulledi, ftakru fl-aħħar enċiklika fejn għidtilkom illi: "Il-Vanġelu huwa ħlewwa, imħabba, sagrifiċċju. Fil-waqt illi d-duttrina ta' Luteru ma hiex ħlief gwerra, qerda, neġozju u dagħa faħxi: (applawsi)
Iżda araw x'sejjer ngħidilkom li min ~~xxxxxxxxxx~~ iħobbet ras ma' din il-ġeblа ta' Pietru jfarrakha żgur... (teħlijiet minn barra: "Abbasso Martin Luteru! Viva l-Papa! Viva Pietru Wejtanu!)
Ulledi, kunu mbierkin! (ibierek lill-folla bil-għelm tas-salib. l-għajjat minn barra għadu jinstema'. il-PAPA jerġa' jitfaċċa mit-tieqa. il-folla tapplawdixxi mill-ġdid. hawn il-PAPA jinfaqa' f'bikja u jmur joqgħod bilqiegħda ma' ġenb il-mejda u jaħsel wiċċu bejn idejh. l-għajjat ta' barra jieqaf u taqa' ħemda kbira.)

GEJTANU (wiċċu wkoll maħsul bid-dmugħ baqa' jħares mit-tieqa. fil-ħin jintrefa' t-tapit twil tal-mejda li fuqha hemm jibki l-PAPA u toħroġ id bi stallett li jidher sewwa imponta għal fuq sider il-PAPA biex joqtlu. GEJTANU jinduna, imur b'ġirja, jaqbad dak l-istallett biex isalva l-ħajja tal-PAPA u jibqa' jżomm l-istallett b'saħħa sopra nnaturali sakemm tinqabad il-purtiera. Il-PAPA huwa salv bla ma jaf xejn. GEJTANU għadu jżomm dak l-istallett b'reżistenza kbira tinqabad il-purtiera.)

T M I E M

TAL-ĦAMES EPISODJU

## IS-SITTA U L-AĦħAR EPISODJU

## "L-HOSSANNA!"

JIEMDU SEHEM:

SAN MIKIEL, LUCIFERU, GEJTANU, PATRI CARAFFA isse KARDINAL, PATRI BONIFACJU, FRA WISTIN, GESU'·KRISTU, Il-MADONNA BIL-BAMBIN XI ANGLI. u jekk jiste' jkun xi 3 religjuzi oħra li ma jitkellmux.

X E N A

Kamra illi sservi bħal refetorju fejn jieklu l-patrijiet. Mejda fin-nofs, fuqha 5 platti b'tazzi, xi pożati, effarijiet ta' ikel xejn fuq il-mejda ħlief flimkun bl-ilma. Madwar mejda hemm 6 siġġijiet. Kurċifiss imdendel mal-ħajt u nkwatru tal-Madonna. Fil-fond tal-kamra hemm kuritur idaħħal għal ġewwa tiega, u bieb fil-lemin illi jdaħħlek għall-ġol-knisja u ieħor fix-xellug illi jdaħħlek għal ġol-ispter. Dan l-aħħar Episodju jiżvolġi ruħu fil-belt ta' Napli fl-1546. filgħodu.

N.B. Il-persunaġġi kollha umani jqiesu illi jirtukkaw ruħhom aktar xjuħ u sofferenti għax mil-ħames episodju għas-sitta jgħaddu 22 sena.

X E N A I

GEJTANU waħdu, imbagħad GESU' mgħobbi bis-salib u maħsul bid-demm.

GEJTANU <u>(issa xwejjaħ ta' 67 sena, jinsab għarkubbtejh quddiem il-Kurċifiss qiegħed jitlob b'ħeddejh maħsiulin bid-dmugħ. F'daqqa waħda jinstema' għajjiet ta' rivoluzzjoni u ħsejjes ta' xwabel, GEJTANU iqum u jmur iħares mit-tieqa għal barra)</u>:

Mulejja Alla tiegħi! Akkost illi nissellab mieghek la tħallix din ix-xmara tad-demm tikber f'din il-belt għażiża ta' Napli! <u>(il-ħsejjes ta' xwabel dejjem jikbru)</u>
X'ħasra! Aħwa joqtlu lil xulxin! L-art dejjem tħammar bid-dmija, il-Vittmi jikbru u ħadd ma jrid jaf f'dik il-paċi li ġab miegħu Gesu' Bambin! Il-knejjes midbulin f'kesermi tas-suldati, il-paramenti sagri jimsħu l-art bihom u bihom u l-Ewkaristija ipprofonata! Aħna r-religjuzi assedjati u ma nistgħux noħorġu mill-kunvent.... <u>(idur lejn il-Kurċifiss)</u> Ħniena, ħniena jkollok Gesu' mill-midinbin kollha! <u>(jibki)</u>

GESU <u>(jidħol mgħobbi bis-salib maħsul kollu dmija bħalma kien mal tul it-triq tal-kalvarju, allura jasgam ix-xena.)</u> Gejtanu!

GEJTANU <u>(jinħasad, iqum u jilmaħ lil GESU' li donnu sejjer jaqa' taħt is-salib.)</u>
Inti maħbub Gesu' tiegħi????!!!!

GESU': Kif taraeni Gejtanu, sejjer nissellab mill-ġdid!... Inti jidhirlek illi jiena għandi ngorr dan it-toqol tas-salib waħdi?! Bla nsib Cirinew ieħor li

din it-tbatija tieghi?.....

GEJTANU: Gesu' Tieghi! Le! Ma nistax narak tbati!

GESU': Trid tissellab minflokí ghall-fidwa ta' l-erwieh?

GEJTANU (fermen irid jittajjar): Gesu' ghall-imhabba Tieghek lest biex naghmel kollox. (il-hsejjes tax-xwabel jieqfu)

GESU': Inti mit-twelid tieghek kont xebh tieghi u hekk jehtieg li tkun lejlet il-mewt tieghek. Mela erfa' dan is-salib u imxi biex tipprova t-tbatija tal-passjoni Tieghi.

GEJTANU: Kif bil-ferh ilqajt l-imqaddes salib, inti hekk irrid nilqghu jiena u ma' sidri nghannqu biex fuqu bhalek immut!

GESU' (jghabbi s-salib tqil fuq spallejn GEJTANU)

GEJTANU (xih kif inhu jaqa' bis-salib fl-art).

GESU': Ukoll jiena ma' tul it-triq tal-Kalvarju, waqajt tliet darbiet taht is-salib. Qejtanu qum u imxi. (ighinu jerfa' s-salib) Fil-passjoni tieghi, jiena kont wahdi, iżda inti ejjer ikollok lili mieghek....
GEJTANU jimxi bit-tbatija u flimkien ma' GESU' jeghmlu mix-xena.)

XENA 2

FRA WISTIN wahdu.

WISTIN (jidhol issa xih. sewwa iżda dejjem baqa' b'dik in-nota allegra fuq wiċċu. Huwa fuq l-abtu reliġjuż liebes fardal abjad u l-kmiem imxammrin)

Imma fejn sata' mar is-superjur Patri Gejtanu?... X'wahdedin, wasal il-Kardinal Ceraffa minn Ruma u inqas ghandna x'nieklu ahna, ahseb kif irridu nitimmuh jogghod maghna ghall-pranzu.... Il-platti jinsabu fuq il-mejda imma jekk m'ghandniex x'nieklu, mhix sejra taqa' f'halqna l-manna tas-sema... Biex taghqad inqas nistghu naqorgu mx barra biex nixtru l-hobż ghax ninsabu assedjati mis-suldati Spanjoli.

XENA 3

PATRI BONIFAĊJU u FRA WISTIN

BONIFAĊJU: (jidhol xih sewwa huwa wkoll):
Fra, iva dejjem dgerger.... tinstema' minn gol-kor tghajjat....

WISTIN: Nghajjat ... M'ghandix raġun forsi ... Ma kienx mument li nogghod ma' din il-ghaqda gdida ta' Tietini, ahjar bqajt fejn kont....

B ONIFACJU: Imma fl-aħħar mill-aħħar nista' naf x'għara?.... Għandna xorti bħal din li ningħaqdu ma' l-ordni ġdida ta' Patri Gejtanu. Xhin taħseb li għal qima li jgawdi l-fundatur tagħna Patri Gejtanu rċevejna l-voti minn idejn il-Papa nnifsu, privileġġ illi ħadd ma kellu bħalu...

WISTIN: Privileġġi kemm trid, imma jekk m'għandekx dawl fid-dlam tibqa'...

BONIFACJU: Fra, nitolbok ħu kollox bis-sabar u fit-tbatija tiegħek ħares lejn dak il-Kurċifiss...

WISTIN: Proprju għal dak qed nagħmel kollox (jagħti bewsa b'idu lil Kurċifiss)
Għalik, Gesu' kapaċi mmut jiena! (jimxeħ xi ġemgħa)

BONIFACJU: Mela hekk Fra Wistin. Ħares illum sejrin ngħaddu ġurnata fil-ġenna tal-art aħseb ftit. Wieħed minn sħabna Patri Cereffa laħaq Kardinal u indenja ruħu jiġi hawn f'Napli, biex jżur lil ħbieb antiki tiegħu, biex jara lis-Superjur tagħna Patri Gejtanu...

WISTIN: Iva, imma inti milli qed nara għadek ma taf b'xejn....

BONIFACJU: Iva x'sata' ġara?

WISTIN: Ġara illi int stedint lill-Emminenza Tiegħu l-Kardinal Cereffa għall-pranzju, u fid-dispensa ma għandnix lqma ħobż biex nitrejjqu... inkunu rridu xi biċċa laħam.. xi ftit frott, xi qatra inbid, u jekk m'għandniex mhumiex sejrin iġibuh l-anġli mis-sema.

BONIFACJU: Fra inti m'intix bħal Luteru hux tassew?

WISTIN (ingurjat): Bħal Luteru??!! Barra minn hawn u s-siegħa ta' dal-ħin!!!

BONIFACJU: Fra Wistin, ~~kmggmadx~~ taqtax qalbek mill-providenza t'Alla... ara, poġġi ptatt iżjed għal Kardinal Huwa sedattent mar iqaddes u sakemm jispiċċa wara l-quddiesa ndawwru ftit il-kunvent u nlaqqgħu ma' Patri Gejtanu jilħaq isir nofs-in-nhar u nieklu. Il-Kardinal ma jistenniex ħwejjeġ kbar mill-faqar tagħna... huwa jaf illi aħna ngħixu bil-karita'...

WISTIN: La kbar u anqas ażgħar.

BONIFACJU: Trid tiċċċajta Fra Wistin?...

WISTIN: Huwa int illi qiegħed tieħu kollox biċ-ċajt. Patri Bonifaċju, nerġa' ~~nxxxxx~~ ntennilek li ħwejjeġ ta' l-ikel fiddispensa ma fadal xejn.

BONIFACJU: Iva x'inhu li jonqos?

WISTIN: Kollox.

BONIFACJU: Din affari serja. Fra inti f'din il-belt ta' Napli għandek ħafna ħbieb, mur itlob xi ħaġa ta' l-ikel, għidilhom illi ħanuna fid-dar il-Kardinal.....

WISTIN: Patri, mela naqjt kif ninsabu assedjati?!... Min jissogra jixref mill-bieb qalb dawk is-suldati Spanjoli?!.... (imur iħares mit-tieqa) Ejja ħares ftit.... It-triq mimlija bil-katavri u l-art u l-ħitan maħsulin bid-demm!

BONIFACJU (imur iħares mit-tieqa u b'ħasara kbira jogħod jikkuntempla).
Għandek raġun ... Napli saret ħerba waħda! Il-ħajja mhix aktar assigurata! Kien veru mirakolu li ħallew jgħaddi lil Kardinal, allura kif sejrin nagħmlu noqogħdu mmutu hawn bil-ġuħ?!... Jeħtieġ illi nsibu lis-Superjur Patri Gejtanu u ngħarrfuh

X E N A 4

PATRI GEJTANU u ta' qabel

GEJTANU (jidħol masfar daqsu katavru u jirtgħodd bħal werqa).

BONIFACJU (imur fuq GEJTANU)
Patri Superjur, kif qed narak?! Gralek xi ħaġa?!

GEJTANU: Ħelluni npoġġi ftit bilqiegħda! (l-għrajn wieqfuh biex joqgħod bilqiegħda)

BONIFACJU: Superjur! Inti kiesaħ silġ! Mistà' naf xi ġralek?!

GEJTANU (ipoġġi bla nifs):
Ħarsu lejn dak il-Kurċifiss u ħarsu lejn l-imsejken Gejtanu...!

BONIFACJU: Aħfirli Superjur ma nistax nifhmek.

GEJTANU: Uliedi f'Gesu' Kristu, issa biss naf kemm bata Gesu' għalina! Tassew ngħidilkom u għomruh għalikom, illi jiena għadni kemm tkellimt ma' Gesu'!!

WISTIN: }
BONIFACJU: } Kif??!!

GEJTANU: Gesu' deherli mgħobbi bis-salib u Huwa stess qabadni u poġġieni fuq is-salib biex bħalu nissallab għall-fidwa ta' dawn l-erwieħ li qegħdin jitqabdu bejniethom.... u hekk hu illi fi ftit biss ħassejt it-toqol kollu tal-passjoni!

WISTIN }
BONIFACJU: } Tal-għageb!!!!

GEJTANU: Imma issa qed inħoss il-ferħ kollu tal-ġenna!

Għaliex wara li jiena ppruvajt it-tbatija tal-passjoni kollha Gesu' qalli: "Ibni Gejtanu sebat ijiem oħra għandha tiġi l-Madonna u ttajjar ir-ruħ tiegħek lejn is-sema," Għalhekk uliedi, ftit ieħor nagħ baqagħalna flimkien! (BONIFACJU ibus id GEJTANU fil-waqt illi FRA WISTIN jinżel ibuslu riġlejh.)

BONIFACJU: U ma' dan il-ferħ sejjer nagħtik aħbar oħra li tferraħlek qalbek:

GEJTANU: Gie l-Kardinal Caraffa? (dan jgħidu b'ton ta' profezija.)

BONIFACJU: Dan kif tafu!! (mistgħaġeb)

GEJTANU: Qalbi ħebritni!.... Il-Kardinal Caraffa jiġi jarani qabel ma mmut! Fejn ż huwa? Ħuduni ħdejh....

BONIFACJU: Għadu qed iqaddes...

GEJTANU: (konfuż.. bil-ferħ inqas jaf x'inhu jagħmel) Araw illi nlestulu xi ħaġa tajba għal nofs-in-nhar....

WISTIN: Imma Patri Superju, iżda qabel jeħtieġ li tagħmel xi miraklu minn dawk illi s-soltu tagħmel... mill-bqija jekk ma titlobx int lil Dak li sallbek miegħu bil-għuħ sejrin nibqgħu....

GEJTANU (mistgħaġeb): Kif maħbub Fra Wistin?! Il-Provvidenza dejjem ħasbet fina, sejjer sejrin nibqgħu bil-għuħ illum li għandna magħna l-Kardinal ?!... X'inhu li jonqosna?

WISTIN: Berra mill-ilma dak biss jonqos kollox Patri Superjur.

GEJTANU: Tajjeb, uliedi nittama fil-ħniena t'Alla. Immorru ningħaqdu ma' ħutna Konfratelli l-oħra u npoġġu qlubna bħala fjur l-artal ifuħ fuq l-artal ta' Gesu' Sagramentat u taraw li min jiekol il-ħobż ta' l-anġli ma jibqax imħaħħad mill-ħobż tal-art..... Nitolbu bil-qalb (GEJTANU joħroġ mal-lemin... BONIFACJU u FRA WISTIN mashhrin joħorġu warajh.)

X E N A 5

SAN MIKIEL WAĦDU

(Il-palk baqa' vojt. Ftit twila biċċa mużika timla l-vojt tax-xena u l-palk jibda jiddawwal).

S. MIKIEL: (jidħol b'qoffa f'idu mimlija bil-ħobż frott inbid, u ħwejjeġ oħra ta' l-ikel. San MIKIEL joħroġ dak kollu li ġab fil-qoffa u jpoġġi kollox fuq il-mejda fejn hemmil-platti vojta.)

Ikunu mberkin dawk l-erwieħ illi jgħixu għal Alla għax Alla jgħix fihom. U għalhekk f'isem ta' dan

Alla ngħidilkom intkom li bħal Gesu' għażiltu l-fqar tal-maxtura, ejjew issa biex bħall-poplu magħżul t'Alla fid-deżert tieklu l-manna tas-sema. (joħroġ. id-dawl jonqos.)

X E N A 6

FRA WISTIN waħdu mbagħad PATRI BONIFACJU

WISTIN (jidħol u xhin jilmaħ dak l-ikel fuq il-mejda jibqa' mistgħageb. Allura jrodd is-salib.)
Dan l-ikel?! Ħobż, frutta, inbid?!... Dak kollu li kellna bżonn! Imma min jista' jkun qatt li poġġa din il-grazzja t'Alla kollha fuq il-mejda?! (jaqbad il-flixkun ta' l-inbid u jixrob ftit.)
Dan l-inbid qatt ma xrobt bħalu. Dan manna tas-sema! Mireklu! Mireklu!!! (bil-ferħ jibda jiżfen

BONIFACJU (jidħol u jara lil FRA WISTIN jiżfen).
Fra Wistin, inti qiegħed titlef rasek?...

WISTIN: Jien qed nitlef rasi?! Ħares hemmfuq il-mejda — ara jekk tħoss il-bżonn li tiżfen miegħi...

BONIFACJU (jilmaħ l-ikel fuq il-mejda, mistgħageb)
Dan kif?! Min hu dan il-benefattur?!

WISTIN: Patri Gejtanu ma jippredikax dejjem fuq il-ħniena t'Alla? U hekk hu illi Alla fetaħ il-bibien tas-sema u għamlet ix-xita tal-ħobż. (jiżfen)

BONIFACJU: Verament illi l-Providenza t'Alla hija kbira... Imma nista' naf min hi din il-qalb ħanina?

WISTIN: Ma jistax ikun li niżel Anġlu mis-sema biex ma mmutux bil-ġuħ..... Kull meta Patri Gejtanu jitlob u jaħsel l-artal bid-dmugħ Alla dejjem jibgħatilna xi ħaġa tajba!

BONIFACJU: Imma dan għageb fuq l-għegubijiet!! Safejn naf jiena ħliefek ħadd ma daħal hemm ġew...

WISTIN: Jiena nirekli ma ngħamilt qatt... Il-fatt x hu li għandna x'nieklu, dak kollu.

BONIFACJU: Kemm sejjer jistgħageb il-Kardinal.... Ħalli mmur ngħid lil Patri Gejtanu. (joħroġ mgħaġġel)

WISTIN: Mur, mur u jiena sejjer navża lis-sagristan biex idoqq il-qniepen! (joħroġ)

X E N A 7

KARDINAL CARAFFA, PATRI GEJTANU, PATRI BONIFACJU, u jekk jista' jkun xi patrijiet oħra ta' l-ordni li ma jitkellmux.

N.B. Dawn jistgħu jkunu dawk li għamlu l-parti ta' GOVANNI, BARTOLOMEO u l-INGINIER.

GEJTANU: (jidħol u diem warajh CARAFFA, P. BONIFAċJU u tliet PATRIJIET li ma jitkellmux. Meta PATRI GEJTANU jilmaħ l-ikel fuq il-mejda jibda' skantat iħares lejh jgħaqqad idejh u jħares lejn is-sema)

Grazzi, grazzi Mulej!!

CARAFFA (li issa ftit xiħ huwa wkoll u liebes ta' kardinal)
Patri Gejtanu, nista' naf x'inti taħseb? Ara illi jien ma rridx niskomodakom...

GEJTANU: Qed naħseb kemm hija kbira l-ħniena t'Alla Eminenza.

CARAFFA: Oh! il-ħniena t'Alla.... Imma ħares jien għalikom għadni dejjem wieħed minnkom. Patri Caraffa u Eminenza xejn.

GEJTANU: Ix-xorti kbira! Proprja Patri Caraffa li xerridna l-għareq flimkien għall-fidwa ta' l-erwieħ tistħoqq Kardinal u tiġi minn Ruma biex izzur dawn iż-żewġ għadmiet qabel ma jinżlu fil-qabar.

CARAFFA: Kemm tifkiriet sbieħ ta' niket u ferħ...!

GEJTANU: Ippoġġu ftit bilqiegħda. (kulħadd ipoġġi bilqiegħda). Patri Bonifaċju, tridx jekk jogħġobok sakemm isir il-ħin ta' l-ikel, tferraħna ftit inbid...

BONIFAċJU: Bil-qalb kollha Superju! (jaqbad il-flixkun ta' l-inbid u jimla t-tazza ta' kulħadd.)

CARAFFA: (iduq l-inbid) Nistqarr illi dan l-inbid qatt ma doqt bħalu. Dan għasrakur intom?

GEJTANU: Patri Bonifaċju jaf jgħidlek aħjed minni.

BONIFAċJU: Patri Dan l-inbid, Eminenza għandu jkun ġie hawn b'mirakli, għax inqas jien stess ma naf min ġabu hawn...

XENA 8

FRA WISTIN u ta' qabel kollha

WISTIN (jiekol jidħol kollu allegru)! Dak l-inbid Eminenza, kif nista' nifhem jien, meta l-angli kienu qegħdin jipprenzaw waqgħalhom il-flixkun u ġie fuq il-mejda tagħna.

CARAFFA (wara li ma l-oħrajn kollha daħak daħka bil-qalb Maħbub Fra Wistin, Int dejjem bqajt allegru kif ħallejtek.... Ersaq hawn ma' ġenbi.... jiena għadni dejjem il-ħabib tiegħek (igħannaq lil WISTIN. WISTIN ibuslu r-rokketta)
Fra Wistin tiftakar meta ħriġna passiġġata

flimkien u inti selvajtli hajti?!

WISTIN: Niftakar Sminenza, dak iż-żmien akter kont b'sahhti, donnu l-bierah...

CARAFFA: Patri Gejtanu, inti tista' tghid x'ghadda minn ghalina minn dak iż-żmien 'il hawn...

GEJTANU: X'ghadda minn ghalina?! (jiehu nifs qawwi): Certament, meta Alla jrid juri l-kobor tieghu jinqeda bl-iżgħar kreaturi tieghu... Oh! Imsejken Gejtanu, ma iniex hlief midneb kbir!...

CARAFFA: Tant midneb kbir illi tajt lil Kristu dak li kien tilef ma' tul is-sekoli mghoddija...

GEJTANU (donnu jmur f'estasi): Oh! Il-knisja, Gisem mistiku ta' Sidna Gesu' Kristu gherqet fid-demm tal-martri! imma minn dik ix-xmara tad-demm twieled akter qawwija!...

CARAFFAL Il-fundazzjonijiet meraviljużi tieghek.

GEJTANU: Mireklu kulfejn titfa' l-harsa ta' ghajnejk...

CARAFFA: Doroterej, l-ispterijiet , l-Istituzzjoni tad-"Divin Amore" Ir-riforma ta' l-ordni sekulari u regolari u din l-ordni l-gdida tat-Tiatini, kollha opri mahsulin bl-ghareq ta' gbinek, Patri Gejtanu.

GEJTANU: Għareq li thallat ma' teghkom... m'ghandniex xi ngħidu... ukoll il-ktajjen tal-habs soffrejna flimkien...

CARAFFA: Il-Papa baghtlek il-barka tieghu.

GEJTANU: Oh! Il-Papa, il-mimmi ta' ghajnejja.

CARAFFA: Huwa baqa' japprezza wisq l-ghajnuna li tajtu u specjalment fil-konsilju.

GEJTANU: Hdimna, bkejna u kantajna innijiet ta' rebhiet fuq l-ghedewwa teghna. Imma l-iekor li bikkietni u wesslitni f'xifer il-qabar, kienet l-erezija ta' Martin Luteru!

CARAFFA: Iva, imma ghal kull ruh illi huwa seraq minn hdan il-knisja, inti tajtha mija...

GEJTANU: U issa wara li ghamna l-bahar kollu u l-grazzji niżlu fuqna mis-sema bhal xita ta' ward, mill-gdid nissabu hawn f'Napli fi stat ta' gwerra mheddijin mill-mewt.....

CARAFFA: Ghandi tama kbira Patri Gejtanu li ma ddumx ma tieqaf din ix-xmara tad-demmu tkun inti bit-talb tieghek l-anglu li twassal il-paci f'din il-belt...Bhalma bit-talb tieghek u bil-

u bil-ħidma tiegħek bla mistrieħ waslet bil-belt eterna ta' Ruma.

GEJTANU: Jekk tfittex tidher din il-qawsalla tal-paċi jieqaf dan id-demm, u allura meta kulħadd ikun iħobb il-veru Alla jiena mmut fil-hena!

CARAFFA: Ejjew mela nixorbu bis-saħħa ta' din il-paċi, imma l-ewwel nistedinkom biex nixorbu bis-saħħa tar-Riformatur tal-Knisja Patri Gejtanu! (Ighollu t-tazzi jħabbtuhom ma' ta' xulxin u kif sejrin biex jixorbu GEJTANU jħossu ħażin. CARAFFA jilqgħu fi ħdanu)

BONIFACJU: Dan bla dubju ta' xejn huwa ħass ħażin tal-mewt! Ikun aħjar li nwassluh fiċ-ċella tiegħu... (kulħadd ipoġġi t-tazza tiegħu fuq il-mejda allura jerfgħu lil GEJTANU u joħorġu bih ilkoll mill-kuritur. Malli joħorġu tingħalaq għal ftit il-purtiera u terġa' tiftaħ minnufih. Fix-xena jinsabu LUĊIFERU u SAN MIKIEL.)

L-AĦĦAR XENA

LUĊIFERU u SAN MIKIEL, imbagħad il-kwadru ta' SAN GEJTANU fil-glorja. GEJTANU u l-Madonna bil-Bambin.

LUĊIFERU: Mikiel xi tgħidli għal famuż Luteru? Mhux tassew illi sejjer ikolli isem kbir fl-istorja?

MIKIEL: Kbir daqskemm kellejt inti Luċiferu

LUĊIFERU: Luteru miet u fuq il-qabar tiegħu hemm miktuba din il-kundanna: "Il-ġenna hija sabiħa iżda mhix għalija." (jidħak)

MIKIEL: L-istess bħalma għidt inti Luċiferu Gejtanu miet ukoll u fuq il-qabar tiegħu jinsabu tliet fjuri li ma jitbiddlu qatt: Ġilju ta' l-abjad safa, vjola ta' umiltà, u warda ta' l-akbar imħabba.

LUĊIFERU: Luteru bil-protentantiżmu għamel rebħa kbira fuq l-erwieħ, fuq il-paġni tiegħu imxew is-slaten u mas-slaten qtajja ta' nies mitlufa.

MIKIEL: Luteru distruttur ta' l-innoċenza kellu x-xorti ta' Ġuda u miegħu ġibed eluf ta' erwieħ fl-infern iżda kieku kellu jerġa' jiġi fid-dinja kien jaħsel l-art bid-demm u bid-dmugħ tal-penitenza u lilek Luċiferu kien jisħqek. Gejtanu protettur tal-purezza, mill-ġisem tiegħu ħarġet il-fwieħa tal-Ġilju! Gejtanu ħa postok fil-ġenna u ma' miljuni ta' erwieħ li bħal Mose' mexxa għall-art imwegħda qegħdin ikantaw l-Hosanna lill-Mulej.

LUĊIFERU: Iżda sabiħ tiegħi Mikiel, ma tistax tiċħad li

M

Martin Luteru kien għalija li l-akbar ġeneral li qatt rat id-dinja. Ġeneral illi bil-ħsieb tiegħu, bil-qerq, bil-qtil bl-ereżija u bil-vizzji x ħafna kollha tiegħu għamilli rebħa kbira u ħafna mis-segwaċi tiegħu tiegħu jinsabu ġa miegħi fl-infern! U l-infern hemm! Hemm għalija Luċiferu sapperv u hemm għal dawk kollha li jimxu fuq il-passi tiegħi! Bnedmin jekk f'kollox inqarraq bikom, li hemm l-infern nibqa ma nistax ngur, araw b'għajnejkom! (Jiegħti daqqa fuq il-kwinta u minn bejn il-kwinti toħroġ vampa kbira tan-nar.)

MIKIEL: Luċiferu, smaktek tgħid darba il-verita'. (jitbissem)

LUĊIFERU: (jintela bl-akbar qilla) Verita' li tkekkex Verita' li twaħħax! Mikiel, waqqaf widnejk u isma' l-eku li għadu jirbombja tixx bħas-sajjetta Eku li ħiereġ mill-fomm infernali ta Martin Luteru ta' dagħa u ta' saħta, għaliex bħali tilef dik il-ħelt ċelesti tas-sema. Il-Ġenna!

LEHEN (minn barra mill-bogħod bħal eku jinstema' leħen LUTERU fgat u ddisprat)

"Bnedmin meta jien Luteru kont fid-dinja bħalkom ħsiebt bl-infern, imma issa li waqajt fih biex qatt iżjed ma nara wiċċ Alla, nisħet u nidgħi lil dakil-mument li skandalizzajt lil ġeneru uman bil-għemil ħażin tiegħi. Fo si issa huwa tard wisq... Imma l-verita' ngħidlkom bnedmin temmnux fid-dutrina tiegħi djabolika għaliex is-saħta x li waqgħet fuqi taqa' fuqkom ukoll." (LUĊIFERU u MIKIEL li għadu jisimgħu.)

LUĊIFERU: Smajtha din il-verita? Għandek xi dubju li Martin Luteru ma eluf ta' erwieħ oħra ma jinsabx fis-saltna tiegħi?

MIKIEL: Issa isma' verita' oħra u ħares lejn daltna oħra fejn il-qaddisin jittajjaru minn fuq kewka għall-oħra bħal angli bil-ferħ, u laienhom bħad-daqq ta' l-arpi xxxxx tad-deheb ifaħħar eternament l-isem imqaddes t'Alla! Il-bnedmin tilfqu missier fuq l-art, iżda għandhom Protettur fis-sema! (ma' dn il-kelma tinstema' mużika l-aktar ħelwa il-palk jintemla bid-dawl u ma tibqa' ix-xena li tkun ippreparata minn qabel fl-isfond tidher il-glorja ta' San Gejtanu. San Gejtanu jinsab għarkubtejh qed jilqa' fi ħdanu lil Bambin minn idejn il-Madonna li tinsab bil-qiegħda fuq siġġu tad-deheru xi angli ħelwin ma' dwarha. Ħdal din il-viżjoni Luċiferu jgħatti wiċċu bil-mantel. San Mikiel jgħaqqad idejh ma' xulxin u b'daħka tal-ġenna jikkuntempla l-kwadru. Il mużika u l-kant jibqgħu sejrin sakemm tinżel il-purtiera.)

T M I E M  T A D - D R A M M

19 ta' Novembru 1959.

Sliema Malta.